# Sportiv

nru 140 - Novembru 2018




08 40 miljun ewro fi proġetti minn SportMalta
16 Football: Intervista Peter Pullicino
22 Rugby: Malta b'rebħiet importanti




Looking for a new property? Bank of Valletta can assist you with a home loan built around your personal financial situation.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from www.bov.com or contact 2131 2020.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta



# EDITORJAL


Sportiv
Magażin Sportiv ta' kull xahar

Ħarġa Numru 140
Novembru 2018

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
IRIS Photography
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Joe Borg
Kurt Arrigo
Wally Galea
Martin Agius
Michael Balzan
Mario Micallef

**Cover**
Edizzjoni oħra
Suċċess tal-Middle Sea Race


Fi tmiem ta' xahar ieħor, dak ta' Novembru, qiegħed nerġgħu nwasslulkom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn edizzjoni oħra tal-Middle Sea Race, il-wirjiet impekkabli tat-team nazzjonali Malti tar-rugby u d-diversi inizjattivi meħuda fl-aħħar ġimgħat minn SportMalta, l-awtorita' Maltija għall-isport, fosthom il-proġetti infrastrutturali kbar li se jsiru fix-xhur li ġejjin u li se jiswew madwar erbgħin miljun ewro. F'din l-edizzjoni ma tonqosx ukoll il-ħarsa tagħna lejn l-impenji tat-team nazzjonali tal-football, it-tkomplija tal-kampjonat Premier u s-suċċessi tat-timijiet ta' Starlites f'aktar finali mill-kompetizzjonijiet tal-basketball.

Din id-darba ssibu wkoll artikli u rubriki oħra mill-aktar interessanti fosthom intervista mal-ex player internazzjonali tal-football Maria Coppola, informazzjoni dwar il-finali ewlenija taż-żwiemel li kien hemm dan ix-xahar mirbuħa minn Navaj Brodda u artikli oħra informattivi dwar l-isport awtomobilistiku, hockey, pool, arti marzjali, mountain bikes u l-isport f'Għawdex. Ma jonqsux ukoll il-kompetizzjonijiet ta' kull xahar tant imfittxija mill-qarrejja tagħna u rubriki oħra regolari. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom.

Ħajr speċjali jmur lejn id-diversi kontributuri tagħna u fotografi li l-impenn tagħhom ukoll iwassal biex Sportiv ikompli jikber, jibqa wieħed interessanti għall-gosti tal-qarrejja tagħna u ta' servizz għall-għaqdiet sportivi Maltin. Impenjati nkomplu naħdmu biex Sportiv jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv

*Kenneth Vella*


*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*



SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa. Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# KONTENUT





06 ▸ SportMalta

12 ▸ Football

20 ▸ Ibburdjar

22 ▸ Rugby

24 ▸ Mountain Bikes

26 ▸ ASMK

30 ▸ Qari

32 ▸ MEUSAC

33 ▸ Pool

34 ▸ Gozo Sport

36 ▸ Żwiemel

37 ▸ Hockey

38 ▸ Basketball

40 ▸ Storja Football Malti

42 ▸ Internazzjonali








36


33


22



# ISIR B'SUĊĊESS FORUM NAZZJONALI TAL-ISPORT BIS-SEHEM TA' KELLIEMA MAGĦRUFA BARRANIN

Diversi aspetti li jduru mal-isport lokali kienu diskussi waqt it-tieni Forum Nazzjonali tal-Isport organizzat minn SportMalta li sar lejn l-aħħar tax-xahar li għadda. Is-suġġett ta' din is-sena kien 'Id-Dinamiċi lejn is-suċċess'. Il fuq minn 150 amministratur tal-isport ħadu sehem f'dan il-forum fuq jumejn.

Il-forum hu pjattaforma mprezzabbli li tipprovdi informazzjoni essenzjali għall organizzazzjonijiet billi jaqsmu ideat u jiddiskutu temi komuni. F'dan il-forum kienu diskussi rwoli differenti fosthom ir-rwol ta' kowċ, ir rwol tal ġenitur u r rwol tal media. Waqt il forum saru laqgħat paralleli bejn il-parteċipanti differenti dwar il-kollaborazzjoni ta' bejniethom anki fil-futur. Il-forum kien indirizzat minn kelliema Maltin u barranin li żgur għamluh aktar interessanti bl-interventi tagħhom. Il-kelliem ewlieni din is-sena kien John Steele, personaġġ prominenti fl-iżvilupp tal-isport professjonali fir-Renju Unit. Steele għandu esperjenza unika li joħloq u jmexxi l-iżvilupp bħala kowċ tal-isport professjonali u bħala Kap Eżekuttiv fis-settur pubbliku-privat u mhux ta' profitt. Steele serva fuq il-bord tar-rugby tal-Ingilterra waqt is-suċċess miksub fit-Tazza tad-Dinja tal-2003 u nħatar Kap Eżekuttiv tar-Rugby Football Union. Steele baqa' jimxi 'il quddiem fil-karriera tiegħu u nħatar ukoll Kap Eżekuttiv tal-UK Sport wara li r-Renju Unit rebaħ id-dritt li jorganizza l-Olimpjadi u l-Logħob Para-Olimpiku ta' Londra fl-2012.

UK Sport daħlet sistemi li pproduċew wirjiet ta' klassi mondjali tal-ogħla livell li ġabu suċċessi u rebħ ta' midalji waqt il Logħob ta' Beijing qabel daħlu għall-Olimpjadi ta' Londra fejn Team GB kiseb riżultati li qatt ma nkisbu bħalhom. Kelliema oħra kienet Sheela Quinn, manager għall-iżvilupp tal-coaching tat-tfal minn Sport Ireland Coaching. Hija ilha ssegwi l-iżvilupp tat-tfal fl-isport fl-Irlanda sa mill-2012. Hija kienet strumentali f'numru ta' proġetti ta' coaching nazzjonali, internazzjonali u l-ICCE. Quinn hija waħda mill-awturi ta' programm ta' coaching edukattiv għat-tfal magħruf bħala CoachKids.



Il-forum kien indirizzat ukoll minn Guy Taylor li ilu Direttur tal-iskema ta' scholarship għall-atleti b'talent (TASS) sa mill-bidu tagħha. Għal 15-il sena TASS kienet ta' appoġġ għall-eluf ta' atleti b'karriera doppja (dual career) li kellhom success fil-karriera sportiva u professjonali tagħhom.

TASS kienet ta' appoġġ għal dawk li rebħu ħafna kampjonati mondjali, 'il fuq minn 180 midalja Olimpika u Para Olimpika u llum ħafna għandhom pożizzjonijiet sinnifikanti li jinfluwenzaw l-isport u n-negozju. Guy Taylor ta pariri u appoġġ lil diversi pajjiżi u organizzazzjonijiet fl iżvilupp tal-programmi tad-dual career. Fost organizzazzjonijiet u pajjiżi li gawdew mill-esperjenzi tiegħu kien hemm l-Unjoni Ewropea, il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Basketball, il-FIFA Pro u l-gvernijiet tal-Ġappun, l-Indja u l-Brażil.

Kien hemm ukoll interventi mill-Università ta' Malta, l-MCAST u l-Iskola Nazzjonali tal-Isport u s-CEO ta' SportMalta, Mark Cutajar. Kelliema oħra lokali kienu Dr. Andrew Decelis, Pierre Cassar, Sandro Micallef, Dr. Chris Bonett, Robert Portelli u Charlene Attard. Dawn l-interventi kienu ko-ordinati minn Rose Marie Mercieca.

Il-forum infetaħ mis-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Clifton Grima u għamlu wkoll l-interventi tagħhom il-kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Isport Ryan Callus u ċ-Chairman ta' SportMalta Luciano Busuttil.

Matul dan il-forum kienet diskussa wkoll il-kummerċjalizzazzjoni tal-faċilitajiet sportivi u wkoll il-possibbilta' li jkunu stabbiliti aktar akkademji fi ħdan SportMalta bi sħab ma' organizzazzjonijiet sportivi. Fit-tieni jum tal-forum saret diskussjoni dwar x inhi t-triq 'il quddiem għall-organizzazzjonijiet sportivi u l-karrieri sportivi u diskussjoni dwar 'dual career' u r-rwol tal-media fl-isport illum. Fi tmiem il-forum kienu ppreżentati ċertifikati ta' attendenza lill-parteċipanti kollha.



# 40 MILJUN EWRO
## FI PROĠETTI INFRASTRUTTURALI KBAR MINN SPORTMALTA



Tkompli il-ħidma minn naħħa ta` Sportmalta sabiex mhux biss tibni faċilitajiet ġodda iżda anke ttejjeb il-kwalità ta` dawk eżistenti. Filwaqt li fil-bidu ta` 2018 ġiet inawgurata shooting range state of the art b'investiment ta` 14 il-miljun Ewro u anke ġie inawgurat wiċċ ġdid u faċilitajiet ta` sigurtà fit-telgħa' ta' l-Imtaħleb b'investiment ta` 600 mitt elf Ewro, il-proġetti li għaddejjin huma kbar u importanti.

Fi tmiem din is-sena jkunu tlieta il-faċilitajiet li ser ikunu tlestew għal kollox. Fl-ewwel ta` Diċembru li ġej SportMalta ser ikun qed finalment tinawgura grawnd ġdid tal-futbol f'Bbugia b'investiment ta` żewġ miljun Ewro u anke fis-6 ta` Diċembru id-dilettanti kollha tal-logħba popolari ta` l-Isnooker ser ikollhom post fejn jagħmlu t-taħriġ tagħhom f'ċentru state of the art fil-Ħamrun. Fil-fatt dan il-proġett ser ikun l-ewwel wieħed minn serje ta' proġetti li flimkien ser jagħmlu l Kumpless il ġdid ta' SportMalta f'Maria Assunta. Barra l-isnooker kmieni is-sena li ġejja ser joħorġu tenders għal padiljun ġdid għal logħba tal-handball, u anke sala għal logħba ferm popolari ta` Table Football. Hemm ukoll pjanati multipurpose hall u sala għal



boċċi. Il-proġett kollu ser isir b' investiment ta' 4.6 miljun Ewro. F'Marsascala sa l-aħħar ta' din is-sena ser ikun komplut investiment ta` 2 miljun Ewro fi grawnd tal-futbol għall-klabb tal-lokal filwaqt li kompla xogħol sabiex fl-2019 tibda finalment il-kostruzzjoni tal-pixxina għall-klabb ta` Marsascala ASC b' investiment ta' 3 miljun Ewro.

Mixi kif kien pjanat ix-xogħol fuq l-ewwel pixxina indoor ta' daqs Olimpiku fil-Kottonera fejn il-Gvern qed jinvesti 8 miljun Ewro biex jiġi kompletat dan il-proġett fl-2020. Wara li saret ħidma ta' preparazzjoni u anke ġew pubblikati l-ewwel żewġ tenders, issa jibda ix-xogħol maqgħuri fi tħammil ta l-arja li ser tintuża u l-iskavar li hemm bżonn. Kompla ix-xogħol fuq it-tender finali b'diskussjonijiet bejn SportMalta, ASA u l-perit tal-proġett. Il-Pixxina ser tkun parti mill-kumpless li allura issa ser ikun wieħed komplut u ta` livell internazzjonali. Dan kollu bi preparazzjoni għal-logħob tal-pajjiżi ż-Żgħar ta` l-Ewropa fl-2023. Fil-fatt ġiet ukoll kompletata sala tal-konferenzi li għandha kull ma hemm bżonn għall-media biex taħdem fit-tielet sular tal-kumpless.

U kif qed insemmu pixxini, il-kumpless ta' Kirkop għamel upgrade importanti fuq is-shallow pool eżistenti sabiex din il-pixxina tkun aktar sigura u tkun iktar ta' servizz għal dawk li jkunu qed jibdew l-isport akwatiku.

SportMalta qed taħseb ukoll fiċ-ċentri miftuħa għall-pubbliku u kif tħabbar fil-Budget ġew identifikati 18-il sit f'Malta u Għawdex liema siti ser ikollhom upgrade ta` infrastruttura sportiva sabiex inħeġġu aktar nies jagħmlu l-Isport. Dan kollu b'investiment ta` 600 elf ewro. Barra minn hekk flimkien mal-kunsill lokali ta` Xgħajra ser issir jogging track b'investiment ta` nofs miljun ewro.

Anke il-Marsa ser tkompli l-upgrade tagħha. Flimkien mal-Malta Amateur Athletic Association qed isir investiment ta' 600 elf Ewro f'wiċċ ġdid għat-trakka tal-atletika. Filwaqt li binja dilapidata fil-Marsa stess ser tiġi trasformata f'uffiċini ġodda għall-kumpless, uffiċini għar-rugby kif ukoll sala tal-Ginnastika b'investiment ta` miljun Ewro.



# JINGĦATA BIDU GĦALL-PROGRAMMI #OnTheMove



F'Ottubru ingħata bidu għall-programm tant popolari ta' SportMalta #OnTheMove. Din is-sena, qed jattendu l-fuq minn 7000 applikant. Il-programmi ta` #OnTheMove qed jiġu offruti ġewwa 15-il kumpless differenti madwar Malta u Għawdex. Apparti, l-kumplessi ta' SportMalta li jinsabu ġewwa Tal-Qroqq, Kirkop u Cottonera qed isiru lezzjonijiet ġewwa skejjel u klabbs imxerrdin madwar l-irħula u l-ibliet Maltin. Din is-sena nfetħet ukoll l-iskola ta` Ħaż-Żebbuġ biex tilħaq ir-residenti ta` l-inhawi.

Il-fuq minn ħamsin sport differenti huma miftuħa għal kull età, minn sitt xhur `il quddiem. Wieħed ma jistax ma jsemmix il-programmi ta` 'Parent and Child'. Dan il-programm jilqa` ġenituri ma' uliedhom ta` sitt xhur sa tlett snin għall-għawm, ġinnastika u ħiliet bażiċi ta` l-isport. Programm popolari mal-adulli huwa 'Fitpass` li jippermetti li l-parteċipant jattendi lezzjonijiet ta` adulti bla limitu ġewwa l-kumpless. Lezzjonijiet ta` *aquafitness* u line dancing huma popolari mmens ma` l-anzjani. SportMalta taħdem ma` clubs u assoċjazzjonijiet sabiex toffri servizz ta` akkademji fejn l-għan ewlieni hu li atleti li attendew il-programmi #OnTheMove fis-snin li għaddew ikomplu jtejbu l-livell tagħhom. Huwa wkoll l-għan ta` SportMalta biex tkompli tgħolli l-livell tal-kowċis tagħha u toffri taħriġ kontinwu.

Il-programm jibqa għaddej sa l-aħħar ta' Mejju. Baqa` ftit postijiet u kull min jixtieq japplika jista jagħmel dan billi jidħol fis-sit uffiċjali ta' SportMalta www.sportmalta.org.mt jew iżur wieħed mill-kumplessi.



# SPORTMALTA PROTAGONISTA F'THE PRESIDENT'S SOLIDARITY FUN RUN 2018

*Ritratt: IRIS PHotography*

Eluf ta' nies ħonqu t-toroq Maltin li minnhom għaddew l-erba' rotot prinċipali li fformaw parti mill-għaxar edizzjoni ta' The President's Solidarity Fun Run, b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation. Ir-rotta tal-ġiri telqet mir-Rabat, filwaqt ir-rotot tal-mixi telqu minn Raħal Ġdid, minn Santa Venera, u mill-Universita' ta' Malta. Kien propju minn din ir-rotta li telqet l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, flimkien mad-Deputat Prim Ministru, l-Onor Chris Fearne, u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni, Dr Adrian Delia u s-Segretarju Parlamentari għall-Isport Clifton Grima fost oħrajn.

Ir-rotot kollha tmexxew minn ħaddiema ta' SportMalta kkordinati mill-kap eżekuttiv Mark Cutajar li bħal kull sena jagħmlu din l-attvità b'mod volontarju għax jemmnu li l-isport jista jgħaqqad poplu u jagħti l-kontribut tiegħu lejn kawża ġusta. Il-tlett rotot tal-mixi ingħaqdu f'Bleb il-bombi biex imbagħad kulħadd daħal wara l-eċċellenza tagħha lejn Triq Sant'Anna il-Floriana, Triq ir-Repubblika il-Belt Valletta u Pjazza San Ġorġ fejn intemmet din il-mixja ta' solidarjetà.

Waqt li indirizzat lill-folla numeruża fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta, il-President irringrazzjat lill-Maltin u l-Għawdxin, "talli, bil-preżenza u bil-parteċipazzjoni tagħkom, urejtu l-akbar valur li ħallewlna ommijietna u missirjietna – il-valur tas-solidarjeta', tal-ġenerożita', tar-rispett u ta' l-imħabba, il-valur li jgħaqqadna flimkien għax naħsbu f'xulxin." Il-President qalet li hija kburija bil-Maltin u l-Għawdxin kollha għax bis-saħħa tal-valur tas-solidarjeta', il-poplu Malti u Għawdxi sar poplu distint fid-dinja.

Il-President irringrazzjat lil kull min kien involut fit-tħejjija ta' din l-attivita', lill-forzi tas-sigurta', lill-voluntiera tal-Malta Community Chest Fund Foundation u lill-kumitat organizzattiv, immexxi mis-Sur Mark Cutajar. Minn naħa tiegħu Cutajar qal li din iċ-ċelebrazzjoni tagħti sodisfazzjon kbir għax barra li kulħadd qed jagħmel l-attività fiżika, kulħadd qed jagħti parti mill-ġurnata tiegħu biex jagħmel il-volontarjat realta. Huwa rringrazzja fost oħrajn lill-ħaddiema ta' SportMalta li dejjem jidħlu għal din l-attività b'entużjażmu kbir.

Din kienet attività oħra bi preparazzjoni għall-Istrina 2018, li bħal dejjem issir l-għada tal-Milied. Il-President Coleiro Preca filwaqt li tenniet li l-ispiża tal-Fondazjoni fuq il-kimoterapija speċjalizzata qed tlaħħaq it-800,000 ewro fix-xahar, appellat lill-Maltin u l-Għawdxin, biex permezz ta' l-Istrina, jerġgħu jikkonfermaw kemm huma tassew poplu distint, li jħaddan bis-sħiħ il-valur tas-solidarjeta' – "solidarjeta' li nuru ma' ħutna fil-bżonn."




Ritratti: Dominic Borg u Christine Borg

## KAMPJONAT PREMIER BOV

# ISSIR TAQTIGĦA BEJN TLIETA

### MA' GŻIRA UTD U VALLETTA ISSA DAĦLU WKOLL HIBERNIANS




It-taqtigħa għar-rebħ tal-kampjonat ħadet xejra differenti minn dik ta' xahar ilu għaliex issa minn tnejn saru tlieta t-timijiet li jinsabu fuq quddiem fil-klassifika tal-Kampjonat Premier BOV.

Fil-fatt qabel waqfa oħra għall-aħħar żewġ logħbiet li kellha Malta kontra l-Kosovo u l-Gżejjer Faroe mill-UEFA Europa League

Wara d-draw ta' 0-0 bejn Gżira Utd u Valletta, Gżira Utd żammew vantaġġ ta' żewġ punti fuq Valletta imma intlaħqu minn Hibernians li komplew bis-sensiela ta' rebħiet kif għamlu Valletta li twaqqfu mis-sensiela ta' rebħiet konsekuttivi bid-draw ta' 0-0 ma' Gżira. Valletta kisbu seba' rebħiet konsekuttivi wara żewġ telfiet fl-ewwel logħbiet qabel id-draw ma' Gżira Utd.

Valletta jidhru li għandhom tim kompatt biex jiddefendu t-titlu iżda daqstant ieħor jidhru li huma b'saħħithom Gżira Utd li baqgħu jżommu l-ewwel post issa milħuq minn Hibernians b'24 punt kull wieħed b'Valletta warajhom bi 22 punt.

Warajhom b'19-il punt hemm Sliema Wanderers li wkoll waqfu sensiela negattiva ta' tliet telfiet konsekuttivi bir-rebħa ta' 2-0 fuq Qormi. Wara Sliema Wanderers hemm żewġ timijiet bi 18-il punt kull wieħed, li jinkludu lil Ħamrun Spartans li qed ikollhom staġun tajjeb. It-tim l-ieħor hu Balzan FC li wkoll niżlu l-isfel fil-klassifika għaliex ukoll ġarbu xi telfiet mhux mistennija qabel reġgħu rritornaw għar rebħ.

Anki Birkirkara FC mhux qed ikollhom l-istaġun li stennew u dan hu rifless fis-seba' post li qed jokkupaw bi 15-il post, disa' punti inqas mil-leaders.

Is-seba' timijiet minn nofs l-isfel fil-klassifika juru kif marru l-affarijiet f'dawn l-aħħar erba' ġimgħat qabel il-waqfa internazzjonali. St. Andrew's jidhru li qed jakkumulaw xi punti biex issa l-pożizzjoni tagħhom tinsab il-bogħod mill-




aħħar postijiet tal-klassifika fejn komplew ikunu okkupati mill-inqas timijiet fil-klassifika Senglea u Qormi li sa issa minn total ta' 30 punt rebħu biss erba' punti kull wieħed. St. Andrew's għandhom tlettax-il punt, punt biss aktar minn Floriana u Tarxien Rainbows li jinsabu punt warajhom. Pożizzjoni li ma tantx ikunu fiha fil-kampjonat insibu lil Floriana li wkoll għaddew minn fażi negattiva.

Id-disa' post li qed jokkupaw Floriana ma tħalli l-ebda dubju li t-tim li kien immexxi minn Luis Oliviera qed ikollu staġun pjuttost diffiċli. Tarxien Rainbows ukoll kisbu xi punti għalkemm qed ikollhom staġun pjuttost bis-sulluzzu u qed jirħbu punti f'logħbiet li ma jistennewx li jirbħu u jitilfu oħrajn li jkunu favoriti li jirbħu.

Tim li tejjeb il-prestazzjoni tiegħu hu dak ta' Pieta li fl-aħħar ħarġiet kellhom rebħa fuq Floriana u draw kontra St. Andrew's biex rebħu erba' punti prezzjużi biex jinsabu r-raba' mill-aħħar b'10 punti fejn anki qabżu lil Mosta li telfa wara l-oħra ħamsa mill-aħħar ħames logħbiet issa hu fit-12-il post b'7 punti.

Valletta f'dawn l-aħħar logħbiet skurjaw valanga ta' goals u dan hu rifless fit-22 goal fid-differenza ta' goals li qed igawdu. Dan għax skurjaw 29 goal u qalgħu sebgħa.

Fost rebħiet li rreġistraw fis-serje pożittiva tagħhom kien hemm ir-rebħa ta' 1-0 li kisbu fuq il-ġirien tagħhom Floriana b'goal ta' Alba skurjat ħames minuti mit-tmiem. Dan kien il-150 goal skurjat fil-Kampjonat Premier dan l-istaġun.

Fl-ewwel żewġ postijiet hemm żewġ players ta' Valletta FC li bejniethom skurjaw 18-il goal, 10 minn Mario Fontanella u t-tmienja l-oħra minn Bojan Kaljevic anki jekk dawn it-tmien goals ma skurjahomx kollha ma' Valletta għaliex dan beda l-istaġun ma' Balzan FC.

Il-ħasra hi li fl-ewwel 10 postijiet m'hemm l-ebda isem ta' player Malti u l-ewwel isem ta' Malti hu dak ta' Jurgen Degabriele li jokkupa t-12-il post b'erba' goals. Isem ta' player ieħor Malti u li jidher fl-20 pożizzjoni hu ta' Jake Grech bi tliet goals. It-18-il player l-ieħor huma kollha barranin.

## IR-RIŻULTATI KOLLHA MIS-7 SAL-10 ĠURNATA

### Is-7 ġurnata

| | |
|---|---|
| Senglea v Gżira Utd | 0-1 |
| Qormi v St. Andrew's | 0-2 |
| Pieta H v Valletta | 0-4 |
| Birkirkara v Tarxien R | 2-0 |
| Mosta v sliema W | 1-2 |
| Hibernians v Ħamrun S | 2-1 |
| Balzan v Floriana | 2-0 |

### It-8 ġurnata

| | |
|---|---|
| Ħamrun S v Birkirkara | 2-1 |
| Tarxien R v Qormi | 1-0 |
| Floriana v Pieta H | 1-2 |
| Gżira Utd v Balzan | 3-0 |
| Valletta v Mosta | 5-0 |
| St. Andrew's v Senglea | 1-2 |
| Sliema W v Hibernians | 0-1 |

### Id-9 ġurnata

| | |
|---|---|
| Birkirkara v Sliema W | 1-0 |
| Pieta H v Gżira Utd | 1-1 |
| Balzan v St. Andrew's | 0-2 |
| Senglea A v Tarxien R | 1-2 |
| Mosta v Hibernians | 0-4 |
| Qormi v Ħamrun S | 0-2 |
| Valletta v Floriana | 1-0 |

### L-10 ġurnata

| | |
|---|---|
| Gżira Utd v Valletta | 0-0 |
| St. Andrew's v Pieta H | 3-3 |
| Ħamrun S v Senglea | 1-0 |
| Sliema Wds v Qormi | 2-0 |
| Tarxien v Balzan | 1-3 |
| Floriana v Mosta | 1-0 |
| Hibernians v Birkirkara | 2-1 |

### Il-Kampjonati l-oħra

Ħarsa ħafifa lejn il-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni nsibu li l-leaders tiegħu m'huma ħadd ħlief it-tim promoss ta' Sta. Luċia li qed ikun rivelazzjoni għax baqa' jillidja l-kampjonat mill-bidu tiegħu meta jinsab riesaq lejn tmiem l-ewwel rawnd.

Fit-tieni post hemm Sirens bi 15-il punt, tliet punti taħt Sta. Luċia. Anki Sirens fit-tieni staġun tagħhom fl-Ewwel Diviżjoni qed jissorprendu u mistennija li jkunu huma wkoll fil-korsa għall-promozzjoni.

Fiż-żewġ kampjonati l-oħra Birżebbuga qed jillidjaw fit-Tieni Diviżjoni u Żurrieq jinsabu l-ewwel fit-Tielet Diviżjoni u allura jinsabu fil-triq li jerġgħu jkunu aktar 'il fuq fil-futbol Malti kif kienu fis-snin 80 u 90.



# "HEMM BŻONN LI L-GROUNDS TAL-FOOTBALL F'MALTA JKUNU MIFTUĦA AKTAR BIEX JITGAWDEW MIT-TFAL"

## PETER PULLICINO

### EX PLAYER TAT-TEAM NAZZJONALI U COACH




*Ritratt: D. Aquilina*

Ftit tax-xhur ilu, l-ex player tat-team nazzjonali Malti u mwieled l-Awstralja Peter Pullicino, ħalla pajjiżna u rritorna lura l-Awstralja mal-familja tiegħu biex jeqleb paġna ġdida f'ħajtu u fil-karriera professjonali tiegħu tal-coaching. Pullicino twieled f'Sydney l-Awstralja fis-sbatax ta' Ġunju 1976 u bħala footballer fl-Awstralja lagħab ma' Eastern Suburbs, Sutherland Sharks, u Fraser Park. Hu libes ukoll il-flokk tat-team nazzjonali Malti 22 darba u għamel id-debutt tiegħu mat-team nazzjonali fis-27 ta' Mejju 2004, fil-partita kontra l-Ġermanja u li Malta tilfet bl-iskor kbir ta' 7-0.

Dan l-aħħar għamilt kuntatt ma' Peter Pullicino fl-Awstralja fejn iddiskutejt miegħu diversi aspetti dwar il-karriera tiegħu fil-football. Mistoqsi dwar l-ewwel snin tal-esperjenza tiegħu fil-football fl-Awstralja hu qalli li hu twieled u trabba fil-belt Awstraljana ta' Sydney. "F'Sydney lagħabt ma' diversi clubs u aktar il-quddiem meta ġejt Malta kelli esperjenza ma' Hibernians, Msida St Joseph u Marsaxlokk. F'dak li hu coaching kelli esperjenza ma' Birkirkara fejn ħarriġt it-team ta' taħt id-dsatax -il sena għal erba' snin u kont assistant coach tat-team tal-kbar għal erba' snin oħra. Fi ħdan l-assoċjazzjoni tal-football, l-MFA, kont trainer fiżiku tat-team taħt il-ħmistax -il sena u ta' taħt il-21 sena. Kelli wkoll esperjenza ta' coach tat-team nazzjonali tal-futsal u assistant coach tat-team nazzjonali taħt id-dsatax -il sena."

Mistoqsi dwar x'waslu biex jiddeċiedi li jħalli pajjiżna u jirritorna



l-Awstralja, Peter qalli li r-raġuni hija waħda sempliċi. "Kont ilni l-bogħod mill-familja tiegħi għal sittax –il sena sħaħ u nħoss li kien wasal iż-żmien li nerġa mmur lura. Sfortunatament tliet xhur biss wara li jien u l-familja tiegħi wasalna l-Awstralja tlift il-missieri," ikkummenta Peter Pullicino.

Iżda Peter qiegħed iħoss in-nuqqas ta' pajjiżna ? Skont hu, s'issa le, għax ilu wisq ftit żmien il-bogħod minn xtutna, għalkemm ammetta li jimmissja l-ħbieb, il-lokalita' fejn kien jgħix iġifieri Marsascala, u b'ton ċajtier jgħid anki l-lasagna tal-kunjata. Mistoqsi dwar jekk jaħsibx li kien hemm titjieb fil-livell tal-kampjonat tal-football Malti fl-aħħar snin, Peter qal li iva kien hemm ċertu titjieb u dan kien dovut l-aktar għal meta ġew inklużi aktar players barranin ta' kwalita' fit-teams Maltin. "Meta wasalt Malta kull team seta' biss jilgħab tliet players barranin, illum kull club jista jirreġistra aktar minn tliet players barranin. Għalkemm forsi kien hemm titjieb fil-livell tal-kampjonati u tal-football in ġenerali mhix l-istess nista ngħid għal-livell u l-kwalita' tal-players Maltin," sostna Pullicino.

Iżda jekk skont hu l-livell tal-players Maltin ma tjiebx fl-aħħar snin x'għandu jsir biex iseħħ dan. Peter jemmen li biex jitjieb il-livell tal-players tagħna b'mod ġenerali hemm bżonn li jkun hemm titjieb fil-livell tal-motor skills tal-players sa minn ċkunithom. "Hemm bżonn li l-grounds fil-lokalitajiet ikunu miftuħa aktar ħin matul is-sena. Il-grounds għandhom ikunu miftuħa kull jum u anki waqt il-vaganzi tat-tfal. Dan biex it-tfal ikollhom post sikur fejn jistgħu jilgħabu u jgawdu l-isport favorit tagħhom. Mhux ta' b'xejn li Malta għandha rekord f'dak li hu rata ta' obesita' tat-tfal għax dawn m'għandhomx fejn jiġru f'ambjent miftuħ u sikur. Lura fis-snin disgħin, meta jien kont żort Malta għall-ewwel darba waqt vaganza, niftakar li kull ground kien ikun miftuħ kull ħin għax ma kienx hemm grounds u pitches b'turf sintetiku. Illum il-grounds ġew kollha b'pitch sintetiku u dan wassal biex ikunu magħluqa għal ħafna siegħat."

Dwar il-popolarita' tal-football fl-Awstralja, Peter Pullicino qal li fl-aħħar snin, il-logħba kompliet issir aktar popolari, speċjalment wara li t-team nazzjonali Awstraljan ikkwalifika għall-aħħar erba' edizzjonijiet tat-tazza tad-dinja. "L-aktar sport milgħub mit-tfal f'dan il-pajjiż huwa l-football, madanakollu dan qatt ma jista jkun l-aktar sport popolari fil-pajjiż minħabba l-istorja u l-kultura tal-pajjiż li xxaqleb favur ir-rugby, l-għawm u l-cricket."

Finalment mistoqsi dwar dak li qiegħed jagħmel illum fl-Awstralja, Peter Pullicino qal li issa hu, martu Claudette u ż-żewġ uliedhom subien issetiljaw tajjeb. "Fl-aħħar ġimgħat qtajt xewqa wkoll li kelli, dik li niftaħ l-akkademja tiegħi tal-football f'Sydney u diġa qiegħed ikolli ċertu sodisfazzjon anki minn din l-akkademja," ikkonkluda Peter Pullicino.

*Kenneth Vella*



# MARIA COPPOLA TESPRIMI L-KARRIERA TAGĦHA FI KTIEB

## WAĦDA MILL-EWWEL NISA LI LAGĦBET IL-FUTBOL F'MALTA

F'dawn il-jiem ġie stampat ktieb bl-isem ta' *My Career as a football player* featuring the start of women's football in Malta dwar il-karriera ta' waħda mill-ewwel players tal-futbol tan-Nisa f'Malta, Maria Coppola. Dan il-ktieb li nkiteb minn Maria Coppola stess juri l-bidu tal-football tan-nisa f'dawn il-gżejjer mill-1990 'il quddiem u fuq il-ħajja tal-istess player. F'intervista magħha niskopru kif bdiet tilgħab il-football li tant għandha għal qalbha fejn minbarra f'Malta lagħbet ukoll fi Franza.

**Min ħajrek tidħol fil-futbol?**

Missieri beda jeħodni il-grawnd ta' l-Infetti u bdejt nilgħab bil-ballun mas-subien ta' għaxar snin u bdiet togħġobni il-logħba tal-futbol. Missieri kien jorganizza logħbiet għal Birkirkara Falcons u kien jeħodni miegħu kull nhar ta' Sibt. Jiena ġejja minn familja ta' ħamsa minn nies. Jiena tewmija ma' oħti Anna u għandi oħti il-kbira Lorraine, ulied Hermann u Vinnie. Fl-1983 morna l-Awstralja biex nibdew ħajja ġdida hemmhekk imma nqalgħu xi problemi u ġejna lura Malta wara tliet xhur.

**Allura meta bdejt tilgħab il-futbol?**

L- ewwel darba li lgħabt futbol organizzat kien fl-1993 mat-tim ta' Depiro f'league 5-a-side organizzat minn Luxol. Sena wara kien organizzat kampjonat 7 a-side minn San Gwann. Kien kampjonat interessanti fejn in-numru ta'players kompla jikber. Morna nilagħbu fir-Repubblika Ċeka bħala parti minn selezzjoni minn dan l-istess kampjonat ta' San Gwann. Mill-1995 kienet l-MFA li ħadet f'idha l-organizzazzjoni tal-futbol tan-nisa b'kampjonat ieħor 7-a-side. Dan kompla jikber minn meta l-kampjonat beda jintlagħab fil-grawnd tal-Infetti f'Birkirkara u minn 7-a-side sar 9-a-side.






### Kif spiċċajt tilgħab barra minn Malta?

Meta konna nilagħbu fl-Infetti kien rani nilgħab, scout Amerikan u ħajjarni nkompli l-karriera tiegħi barra minn Malta u hekk ġietni opportunita' li mmur nilgħab fl-Istati Uniti u wara ħames snin interessanti irritornajt Malta u fl-istaġun 2000-01 ingħaqad nilghab ma' Melita f'kampjonat 11-a-side li ntlagħab fil-grawnd ta' Pace Grasso f'Raħal Ġdid. Fl-2001 kont magħżula ma' selezzjoni nazzjonali tan-nisa li marret tilgħab f'Mozzocane fl-Italja. Minn hemm 'il quddiem it-tim Nazzjonali Malti tan-nisa baqa' dejjem jikber.

Ġietni wkoll opportunita' oħra li nilgħab fi Franza u fl-2004 kelli sena tajba ma' US Le Peuq . Sena wara mort nittrenja ma' Paris St. Germain u kelli trial tajjeb ħafna imma sfortunament qabditni l-meningilis u kelli nieqaf għall-perjodu ta' żmien.

### Qatt irbaħt xi unur f'Malta?

Irritornajt lura Malta fl-istaġun 2011-12 u wara ftit taż-żmien ingħaqadt ma' Mġarr United u kelli staġun tajjeb għax konna rbaħna kampjonat. Kelli wkoll esperjenza ma' clubs oħra. Għalija kienet tagħlima li m'għandek taqta' qalbek qatt. Wara li rtirajt milli nkompli nilgħab komplejt fil-futbol bħala kowċ fejn għadni nagħmel hekk sal-lum.

### X'ġagħlek tikteb dan il-ktieb?

Dan il-ktieb jagħti ħarsa lejn il-bidu tal-football f'pajjiżna. Il-ktieb għamiltu wkoll bħala tagħlima personali li fil-ħajja għandek tkun determinata f'dak kollu li tagħmel.





# FLOTTA REKORD
## GĦALL-50 ANNIVERSARJU TAR-ROLEX MIDDLE SEA RACE

*Ritratti: Kurt Arrigo*

Flotta rekord ħadet sehem fir-Rolex Middle Sea Race, tellieqa li din is-sena ċċelebrat il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha. It-tellieqa tista tiġi definita bħala waħda mimlija dedikazzjoni, perserveranza u spirtu li laqqgħet eluf ta' baħħara ta' kull livell f'din it-tellieqa famuża u internazzjonali għal dawn l-aħħar ħames deċenni. 130 jott li jirrappreżentaw 29 pajjiż, għaqdu l-flotta magħmula minn baħħara professjonali kif ukoll dilettanti – baħħara li ġew għall-ewwel darba u baħħara li rritornaw wara assenza twila. Il-motivazzjoni tagħhom tkun li jiffurmaw parti minn din l-edizzjoni speċjali ta' din it-tellieqa. Il-Rolex Middle Sea Race, organizzata mir-Royal Malta Yacht Club, twaqqfet fl-1968 prinċipalment biex tipprovdi baħrin dilettanti bbażati f'Malta b'opportunitajiet biex ibaħħru fix-xitwa fil-Mediterran. Minn dak l-ideal umli ħamsin sena ilu, illum ir-Rolex Middle Sea Race hija avveniment internazzjonali ta' statura sinnifikanti. Rolex, ilha tappoġġa din it-tellieqa mill-2002. Din is-sħubija bejn Rolex u r-Royal Malta Yacht Club ikkoinċidiet mal-kontinwazzjoni tat-tellieqa wara waqfa qasira bejn l 1984 u 1995.

### Il-Premijiet Prinċipali

Statistika waħda li ma kenitx mhedda din is-sena kienet ir-rekord tat-tellieqa li ġie stabbilit ħdax-il sena ilu. Madankollu, l-Amerikan George David huwa l-iktar skipper dekorat meta hu rebaħ line honours għar-raba' darba konsekuttiva, b'total ta' ħames darbiet. Fil-Klassi Multihull, minkejja tentattivi mill-katamaran Multi 70 Maserati ta' Giovanni Soldini, biex jaqbeż il-ħin ta '47 siegħa, 55 minuta u 3 sekondi rreġistrati minn Rambler fl-2007, ir-rekord stabbilit dakinhar għadu fis-seħħ. Ir-rebħa ġenerali fuq il-ħin korrett fil-kategorija IRC kienet tal-jott Franċiż JPK 11.9 ta' Géry Trenteseaux Courrier Recommandé. Dan kien l-istess Trentesaux li tliet snin ilu għeleb flotta ta' 356 jott fir-Rolex Fastnet Race tal-2015.

### Rotta Mill-Isbaħ

Dak li jibqa mill-ewwel tellieqa u dik tal-lum huwa l-ġmiel tal-korsa li l-flotta ddur magħha. Oriġinarjament ir-rotta kienet iddur f'direzzjoni tal-arloġġ lejn Sqallija, iżda illum ir-rotta tieħu l-flotta f'direzzjoni kontra d-direzzjoni tal-arloġġ b'distanza ta' 606 mil nawtiku. Fost il-postijiet ta' xenarju li l-flotta tgħaddi minnhom jinkludu l-Istrett ta' Messina, l-Etna, il-gżira vulkanika ta' Stromboli, il-gżejjer Eolie u Egadi kif ukoll il-Belt Valletta , il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. "Il-korsa toffri l-isbaħ xenarju fid-dinja. Rotta mimlija storja u kundizzjonijiet ta'riħ varjabbli ħafna," ikkummenta George David li l-ekwipaġġ tiegħu fuq it-88 pied Maxi Rambler jirritorna kull sena lejn Malta. "Aħna nerġgħu nirritornaw kull sena għax meta r-rekord tat-tellieqa jerġa jiġi stabbilit, irridu niżguraw li nkunu aħna li nistabilixxu dan ir-rekord il-ġdid."

### Jottijiet Maltin.

Baħħara Maltin għandhom rekord tajjeb f'din it-tellieqa. Minn meta bdiet ir-Rolex Middle Sea Race, Malta rebħet it-trofew għal seba' darbiet, l-iktar darba reċenti kien fl-2014 meta Lee




Satariano u l-ekwipaġġ t'Artie ħadu l-unuri. Kull sena, baħħara Maltin jkomplu jagħmlu isem tajjeb għall-pajjiż. Din is-sena kienu l-jottijiet Comanche Raider (Jonas Diamantino/Ramon Sant Hill), Elusive II (aħwa Aaron, Christoph u Maya Podesta) u Xp-Act (Timmy Camilleri / Josef Schultheis) li ħadu diversi unuri. Dawn l-ekwipaġġi għandhom snin t'esperjenza f'din it-tellieqa. Ta' min jinnota, li l-aħwa Podesta, rebbieħa tal-klassi ORC 4 u tat-trofej Arthur Podesta u Teddie Borg għall-ewwel jott Malti b'ħin korrett taħt il-kategoriji IRC u ORC , ġew mrawma sew minn missierhom Arthur, li kien l-uniku baħħar li kkompeta f'kull edizzjoni tat-tellieqa sa mewtu fl-2015. Il-familija Podesta fuq Elusive 2 u l-jott Xp-Act ta' Josef Schultheis u Timmy Camilleri, kienu ħdejn xulxin għal kważi t-tellieqa kollha. Għalkemm, ma kienux mistennija li jieħdu wieħed mit-trofej jew jgħaddu lill-jottijiet Maltin l-oħra, il-jott J/109, u Jarhead Young Sailors' Malta, irreġistraw riżultat tajjeb meta spiċċaw it-tellieqa f'kundizzjonijiet tqal. L-ekwipaġġ żagħżugħ kien appoġġjat minn Jarhead Young Sailors Foundation organizzazzjoni Maltija, mhux kummerċjali, li l-iskop prinċipali tagħha hija li żgħażagħ jkollhom l-opportunità ta' taħriġ fit-tbaħħir. Ir-Rolex Middle Sea Race hija appoġġjata mill-Ministeru tat-Turiżmu, l-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta, Transport Malta, Yachting Malta, Marina di Valletta, Grand Hotel Excelsior Marina u il-Grand Harbour Marina. L-edizzjoni li jmiss tar-Rolex Middle Sea Race tibda nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru 2019.

*Maria Vella Galea*

## 2018 Rolex Middle Sea Race – Rebbieħa Prinċipali

**Rolex Middle Sea Race Rebbieħ Overall**

Trofew Rolex Middle Sea Race u Arloġġ Rolex
Courrier Recommandé (FRA), Géry Trentesaux

**ORC Division – Rebbieħ**

Trofew Boccale del Mediterraneo
Bohemia Praha Debra (CZE), Milan Tomek

**Klassi Double-Handed**

Trofew Andrea Vattani għal Line Honours
Trofew John Illingworth għar-rebħa overall fil-Kategorija IRC
Bogatyr (RUS), Igor Rytov & Vyatcheslav Martynov

**Unuri Monohull**

Trofew RLR Line Honours
Rambler (USA), George David

**Klassi Multihull**

Trofew Malta Tourism Authority għall-ewwel jott internazzjonali li spiċċa it-tellieqa.
Maserati (ITA), Giovanni Soldini

Trofej Captain Morgan u MOCRA għall-ewwel jott fuq ħin korrett:-
Maserati (ITA), Giovanni Soldini

**L-Ewwel Jott Malti**

Trofew Transport Malta għall-ewwel jott Malta, b'kaptan Malti u maġġoranza t'ekwipaġġ Malti.
Jonas Diamantino & Ramon Sant Hill (MLT), Comanche Raider III

Trofej Arthur Podesta & Teddie Borg għall-ewwel jott Malti b'ħin korrett taħt il-kategoriji IRC u ORC
Elusive 2 (MLT), Aaron, Cristoph & Maya Podesta

**L-Ewwel Jott Taljan**

Trofew FIV għall-ewwel jott taħt il-kategorija ORC
Endlessgame (ITA), Pietro Moschini

**L-Ewwel Jott Swan**

Trofew Swan Mediterranean Challenge għall-ewwel jott Swan taħt il-Kategorija IRC
Lunz Am Meer (AUT), Riccardo Genghini & Marietta Strasoldo

**Rebbieħa tal-Klassijiet**

IRC 1 - Momo (GER), Dieter Schön
IRC 2 – Optimum 3 (GRE), Periklis Livas u Nikolaos Lazos
IRC 3 – Tonnerre de Glen (FRA), Gerard Ludvic
IRC 4 – Albator (FRA), Philippe Franz
IRC 5 – Courrier Recommandé (FRA), Géry Trentesaux
IRC 6 – Rossko (RUS), Sergey Kiziev
ORC 1 – Freccia Rossa (RUS), Vadim Yakimenko
ORC 2 – Endlessgame (ITA), Pietro Moschini
ORC 3 – Be Wild (ITA), Renzo Grottesi
ORC 4 – Elusive 2 (MLT), Aaron, Cristoph & Maya Podesta
ORC 5 – Bohemia Praha Debra (CZE), Milan Tomek
ORC 6 – Redshift Reloaded (GBR), Ed Fishwick

# "TISPIKKA L-KONSISTENZA FIL-PRESTAZZJONI TAT-TEAM MALTI"

## STEVE BUSUTTIL
### PRESIDENT MALTA RUGBY FOOTBALL UNION

*Ritratti: Christine Borg*



Is-Sibt 27 ta' Ottubru, fl-istadium tal-Hibernians f'Kordin reġa kien impenjat it-team nazzjonali tar-rugby f'partita kontra l-Bożnija. Kif jindika l-iskor it-team Malti ddomina din it-tieni logħba mir-Rugby Europe Conference 1 South. Immexxi minn Damian Neill it-team tagħna kompla jtejjeb fuq ir-rebħa li kellu ġimgħa qabel kontra l-Iżrael biex b'hekk ikkonferma li se joffri sfida denja lill-Kroazja għar-rebħ ta' din id-diviżjoni. B'din ir-rebħa kbira, Malta kisbet punt ieħor żejjed minbarra l-erba' punti tar-rebħa. It-tim Malti kien f'livell ieħor fil-logħba, bil-Bożnija rari tidħol fil-partita u tkun perikoluża. Malta fetħet l-iskor wara seba' minuti minn penalty minn pożizzjoni ċentrali ta' James Kirk. Il-players tagħna komplew ikunu superjuri għall-avversarji u ma kinitx sorpriża li għamlu l-ewwel try tal-logħba fit-18-il minuta, b'Richard Gum jaqsam il-linja finali mill-kantuniera xellugija. Minħabba l-pożizzjoni tat-try, kien diffiċli għal James Kirk biex jagħmel il-conversion biex l-iskor baqa' 8-0.

Id-distakk kompla jikber fil-25 minuta bi try oħra minn naħa xellugija. Kienet azzjoni maħduma tajba, bit-tim Malti jiftaħ il-logħob minn nofs għal fuq ix-xellug, b' Mark Davey isib l-ispazju neċessarju għat-tieni try tal-logħba. James Kirk kellu biċċa xogħol diffiċli b'conversion simili għal dik ta' qablu, iżda din id-darba rnexxielu jgħaddi l-ballun bejn il-lasti biex l-iskor sar 15-0.

It-tim Malti għamel l-aħħar fażi tal-ewwel taqsima bi plejer anqas, iżda fl-assenza ta' Rhodri James Apsee, xorta baqa' jikkontrolla lill-avversarji. Il-plejers Maltin żammew l-istess ritmu, u tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima għamlu t-tielet try, f'azzjoni li bdiet fuq in-naħħa leminija iżda qalbet għal fuq ix-xellug, b'Luke Watts isib l-ispazju biex jagħmel it-tielet try Malti. Il-Bożnija naqset id-distakk fit-58 minuta meta għamlet l-ewwel try tagħha permezz ta' Mirsad Fetic, b'Mahir Bisic jiskorja l-conversion mill-qrib u minn pożizzjoni ċentrali. Dan il-gowl ma ħasadx lit-tim Malti għaliex reġa' ħa l-kontroll tal-logħba u fis-66 minuta kabbar l-iskor bir-raba' try tal-logħba skorjat minn Thomas Holloway. James Kirk skorja t-tieni conversion tal-logħba minn qagħda ideali.

James Kirk kompla jikkonferma l-prestazzjoni tajba tiegħu meta fl-74 minuta rnexxielu jiftaħ id-difiża avversarja u skorja try taħt il-lasta, biex l-istess plejer għamel il-conversion. Malta għalqet il-logħba bis-sitt try tal-logħba skorjat fuq ix-xellug minn Andre Galea, b'James Kirk itella' t-total personali għal 16-il punt u distakk ta' 34 punt.

Mitlub jikkummenta dwar l-aħħar suċċessi kontra l-Bożnija u l-Iżrael il-President tal-MRFU, Steve Busuttil saħaq miegħi li l-aktar punt pożittiv li joħroġ minn dawn iż-żewġ konfronti hu l-konsistenza tat-team Malti. "Il-prestazzjoni tat-team tagħna kienet waħda impekkabli u r-riżultati ilhom ġejjin sena wara sena. Daħħalna wkoll il-mentalita' li nagħtu d-debutt ta' aktar players Maltin u ma nibqgħux niddependu biss fuq players li jilbsu l-flokk Malti iżda li jilgħabu barra minn xtutna," qal Busuttil.

Dwar il-ħidma futura tiegħu u ta' sħabu fil-kumitat, Busuttil qalli issa li beda l-istaġun jixtieq jara titjieb fil-livell tal-kampjonat lokali. "B'hekk ikollna għażla akbar għat-team nazzjonali. Qiegħed nippjanaw ukoll żewġ partiti ta' ħbiberija għat-team nazzjonali fl-Italja filwaqt li nkomplu nimpenjaw ruħna wkoll biex intejbu s-settur taż-żgħażagħ u dak tan-nisa, speċjalment għax dan tal-aħħar qiegħed ukoll jikber b'ritmu tajjeb," ikkonkluda Steve Busuttil.

L-impenn li jmiss tat-tim Malti f'din il-kompetizzjoni tkun fit-23 ta' Marzu tas-sena d-dieħla kontra Ċipru barra minn Malta u wara jkun imiss partita kontra l-Kroazja f'pajjiżna.

## MALTA 41 - BOŻNIJA 7

**Malta:**
R. Apsee, D. Holliday, A. Harvey, D. Deguara, D. Cerketa, D. Apsee, L. Watts, M. Davey, T. Holloway, R. Holloway, R. Gum, D. Busuttil, R. O'Brien, B. Dalton, J. Kirk
**Sostituti:** B. Borg 59', M. Camilleri 72', G. Hili 75', V. Farrugia 77', M. Attard 77', A. Galea 77', K. Azzopardi 78'

**Bożnija:**
J. Hus, B. Gafurovic, M. Fetic, A. Suljic, S. Topcic, N. Selimbegovic, H. Oruc, A. Zadic, F. Spahic, H. Begic, S. Glabvas, A. Hamzic, A. Buljugic, M. Bisic
**Tries:** R. Gum 18', M. Davey 25', L. Watts 43', T. Holloway 66', J. Kirk 74', A. Galea 80' (M), M. Fetic 58' (B)

**Conversions:** J. Kirk 26', 66', 74', 80' (M), M. Bisic 58' (B)
**Penalties:** J. Kirk 7' (M)
**Referee:** Anthony Lac (Monaco)

*Kenneth Vella*

# AKTAR SUĊĊESS GĦALL-MALTIN FI SQALLIJA

## DANICA BONELLO SPITERI L-EWWEL FIL-KATEGORIJA GRANFONDO, IT-TIENI POST GĦAL PATRICK SCICLUNA FIL-KATEGORIJA TIEGĦU.




Il-Mountain Biking, minkejja li huwa meqjus bħala sport li forsi mhux prattikat daqstant, ra lil diversi atleti Maltin jiksbu riżultati tajbin fix-xena internazzjonali. Dan l-aħħar numru ta' Maltin ħadu sehem fi tlielaq ġewwa Sqallija fejn huma kkompetew ma' atleti professjonali. Dan jidher mir-riżultati miksuba dan l-aħħar fit-Tour Etna Marathon fejn id duo Malti Maurice Formosa u Patrick Scicluna rebħu il-flokk tar-rebbieħa kif ukoll it-titlu tal-Katergorija Masters 2.

Ftit tal-ġimgħat ilu, il-kontinġent Malti kkompeta fl-Etna Marathon Mountain Bike Race fejn ingħaqdu ma' 307 u 441 atleta li ħadu sehem fil-Kategoriji Marathon u Granfondo rispettivament. Matul it-tellieqa tal-Maratona, li kkonsistiet f'tellieqa ta' 78km bi tlugħ vertikali ta' 2900 metru, it-tim Malti kien magħmul minn Etienne Bonello, Mark Bonnici, Jeffrey Borg, Domenic Cutajar, Clive Ebejer, Maurice Formosa, Mark Micallef, Anton Muscat, Brandon Sultana, Mark Zammit u Paul Zarb. L-edizzjoni tal-maratona ta' din is-sena ġiet miżjuda mal-kalendarju tas-Serje ta' punti ta' l-UCI u b'hekk ikkontribwixxa għal bidu eċċitanti speċjalment minħabba l-livell għoli ta' kompetituri li kienu qegħdin jieħdu sehem.

Kuntrarju għas-snin ta' qabel, il-kompetituri ġew minn madwar l-Ewropa kollha u fosthom kien hemm numru li kkompetew ukoll fil kampjonati dinjija ftit ġranet qabel. M'hemmx għalfejn ngħidu li l-element kompetittiv kien ferm superjuri.

Maurice Formosa, iċ-champion ta' Malta tal-Mountain Bike, kompla juri s-saħħa tiegħu. Formosa kiseb l-aħjar ħin fost il-Maltin u kiser is-seba' post fil-kategorija tiegħu u l-51 post fil-klassifika ġenerali. Brandon Sultana ta wkoll prestazzjoni tajba u b'hekk irreġistra t-tieni l-aħjar ħin (5 sigħat 1 minuti 36 sekonda) filwaqt li Etienne Bonello rreġistra t-tielet l-aħjar ħin (5 sigħat, 5 minuti u 25 sekonda).






Kien hemm aktar suċċess għall-Maltin fil-kategorija Granfondo meta Danica Bonello Spiteri daħlet l-ewwel fil-kategorija tan-nisa u Patrick Scicluna ħa t-tieni post fil-kategorija tiegħu. It-tellieqa Granfondo kopriet distanza ta' 45.5 km, bi tlugħ vertikali ta' 1600 metru.

Patrick Scicluna, kompla jagħti prestazzjoni tajba fuq korsa mill-isbaħ qalb ix-xenarju tal-Etna, imdawwar mill-foresti fit-tramuntana tal-vulkan. Iż-żrar tal-lava għamilha rotta iebsa. Scicluna kellu xi problemi tekniċi fil-gearijiet li kkawżaw użu limitat tagħhom. Waqgħa kiefra fl-aħħar seba' kilometri kompliet tfixkel lil Scicluna iżda b'determinazzjoni hu rnexxielu jikseb it-tieni post fil-kategorija u t-30 post ġenerali fost 83 ċiklist. Sadanittant, Danica Bonello Spiteri, kompetittriċi attiva fix-xena lokali tal-mountin biking, tenniet li din mhix tellieqa faċli, u ħadet aktar minn 3 siegħat biex tlesti r-rotta ta' 44km. Rotta li nvolviet 1600m ta' tixbit, inkluż żewġ okkażjonijiet ta' 6 km b'xaqliba ta' 20%. Bonello Spiteri kellha strateġija ta' tluq kawt, li wasslet biex ħalliet xi wħud min-nisa jgħadduha sew, iżda mat-tmiem tal-ewwel telgħa Bonello Spiteri spiċċat fuq quddiem. Kien 12km mit-tmiem li ndunat li kienet qegħda l-ewwel. Bl-aħħar parti tat-tiġrija li tikkonsisti f'niżla Bonello Spiteri żammet l attenzjoni tagħha biex tevita li tinqabad mill-oħrajn. Kien biss meta qasmet il linja li Bonello Spiteri ndunat li rebħet. Minbarra li rebħet it-tellieqa Bonello Spiteri naqset il-ħin tagħha mis-sena preċedenti b'17-il minuta.

Il-kontinġent Malti, kien magħmul minn membri tal-Malta Mountain Bike Association, li jieħdu sehem regolarment fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-Assoċjazzjoni matul is-sena. Aktar informazzjoni dwar l-Malta Mountain Bike Association tista' tinstab fuq http://www.maltamountainbike.org.mt/.

*Maria Vella Galea*



# JIBDA STAĠUN IEĦOR FERM IMPENJATTIV

*Ritratti: Mario Micallef*



L-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi (ASMK) bdiet staġun ieħor fejn b'kollox għandha erba' sezzjonijiet Autocross li torganizza tiġrijiet bil-karozzi, Enduro, Motocross u Trials li jagħmlu tiġrijiet bil-muturi. Kull sezzjoni torganizza l-attivitajiet tagħha fejn kollox għal matul dan l-istaġun l-assoċjazzjoni qed tippjana li tagħmel 35 attivita' fejn 23 attivita' ssir ġewwa l-kumpless sportiv tal assoċjazzjoni f'Ta'Qali bil kumplament isiru f'diversi barrieri madwar Malta u Għawdex.

Mill-aħħar ġimgħa ta' Ottubru nfetħu l-istaġuni tal-muturi motocross u trials fejn il-Ħadd 21 ta' Ottubru infetaħ il-kampjonat Honda Motocross 2018/2019 fejn ġiet organizzata fun race u kellna dawn ir-riżultati. Il-klassi A intrebħet minn Paul Muscat fuq mutur Yamaha segwit min Trevor Muscat fuq mutur Husqvarna. Fit-tielet post daħal Kyle Camilleri fuq mutur KTM. Fil-Klassi B rajna lil Daniel Caruana jirbaħ din il-klassi fuq mutur Honda segwit min Jorn Stellini fuq mutur KTM. Fit-tielet post spiċċa Gary Debono fuq mutur KTM. Fil-Klassi tal-veterani rajna lil Carmelo Borg fuq mutur Honda




jirbaħ din il-klassi segwit mill-aħwa Sant b'Jetro jidħol fit-tieni post fuq mutur Yamaha segwit minn William fuq mutur Honda.

Il-Hadd 28 t'Ottubru infetaħ il-Kampjonat Nazzjonali Trials 2018/2019. L-ewwel attivita' trials saret fil-Barriera tal-Fawwara. Intant, l-Assoċjazzjoni tieħu l-okkazzjoni biex tirringrazzja lill-Barbros Ltd talli lippermettielna li norganizzaw dawn it-tip ta attivitajiet fil-propjeta' tagħhom. Matul din l-ewwel attività rajna sitwazzjoni fejn fi Klassi A, Rowen Bonello fuq mutur Beta u Antonio Leonardi fuq mutur Gas Gas kellhom bidu tajjeb ħafna segwiti minn Damon Bonello fuq mutur TRS. Is-sitwazzjoni f'din il-klassi nbidlet wara t-tieni sezzjoni fejn Damon irnexxilu jagħmel is-sezzjonijiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa bla żbalji u r-rizultat finali inbidel. Damon Bonello rebaħ l-ewwel attivita' b'16-il punt ta' penalità fuq Leonardi b'21 punt filwaqt li Rowen kellu jikkuntenta bit-tielet post b'31 punt ta' penalita'.

Fi Klassi B li jaqgħu fiha l-kompetituri li ġejjin mill-Akkademja Maltija tat-Trials rajna bidu tajjeb min Julian Scicluna fuq mutur Oset u Issac Scicluna fuq mutur Gas Gas. Dawn iż-żewġ sewwieqa baqgħu pari tul l-ewwel erba' sezzjonijiet b'Julian jispiċċa jitlef ftit waqt l-aħħar żewġ sezzjonijiet. B'hekk Issac spiċċa rebaħ il-klassi segwit min Julian. Fit-tielet post spiċċa Dion Micallef fuq mutur Beta.

L-Assoċjazzjoni għax-xahar ta' Diċembru għandha dawn l-attivitajiet Muturi Motocross fit 2 ta' Diċembru, Karozzi Autocross u Muturi Trials fid-9 ta' Diċembru, Muturi Enduro 16 ta' Diċembru u l-attivita' speċjali ta' kull sena li ssir b'risq il-Malta Communtiy Chest Fund Foundation fit-23 ta' Diċembru fejn tinkludi Demolition Derby 2018.

Iktar informazzjoni wieħed jista jsibha fis-sit elettroniku tal-Assoċjazzjoni www.asmk.org.mt jew fil-paġna Facebook bl-isem Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi. Wieħed jista jagħmel kuntatt bl-email info@asmk.org.mt jew mobile 9942 5489

*Johann Pace*

# L-ISPORTS U L-ANTERIOR CRUCIATE LIGAMENT (ACL)

Bosta sportivi matul iż-żmien jew semgħu jew sofrew b'ġrieħi relatati mal-cruciate għaliex in-natura tagħha taffettwa lill-isportivi aktar minn kulħadd. Fil-fatt trawma tal-cruciate hija waħda mill-iktar trawmi komuni fl-isports bħal football, basketball, volleyball, gymnastics u tennis. Imma xi tkun cruciate ligament, u għaliex u meta taffettwa lil nies sportivi? Il-cruciate huwa wieħed mill-akbar ligaments li jinsabu ġewwa l-irkoppa, u jqabbad l-għadma t-twila tal-koxxa ma' l-għadma t-twila tal-qasba tas-sieq. Ismu propja huwa 'Anterior cruciate ligament' jew ACL. Xogħolu huwa li jistabbiliżża l-ġog tal-irkoppa. Dan il-ligament huwa b'saħħtu ħafna iżda irġiel, u aktar u aktar in-nisa li jipprattikaw sport għandhom tendenza li jkorru l-cruciate minħabba l-movimenti li jagħmlu waqt dawn l-attivitajjiet.

Infatti ħafna minn dawn il-ġrieħi jiġru waqt li player jew atleta jkun qiegħad jagħmel ċertu manuvri li jeżerċitaw ħafna saħħa fuq il-cruciate. Per eżempju meta plejer tal-football jieqaf minn ġirja zoptu, jew inaqqas il-veloċita' tiegħu malajr u jibdel direzzjoni, kif wkoll meta plejer idur bis-saħħa fuq sieq waħda, isofri xi daqqa direttament ġo l-irkoppa, jew plejer tal-basketball jinżel ħażin wara xi qabża, huma kollha movimenti li ġeneralment ikunu kaġun ta' dawn il-ġrieħi.

F'dak il-mument li sfortunatamnet jiċċarrat il-cruciate, ħafna nies jirrappurtaw li jħossu ħafna uġieħ tant li ma jkunux jistgħu jkomplu jilgħabu, l-irkoppa tintefaħ u ma jkolliex il firxa kollha tal-moviment normali. Jista wkoll jistema "pop" fl-irkoppa u sensazzjoni li ma tkunx jista jiflaħ iżomm il-piz ta' dak li jkun għaliex inkella jogħtor. Dawn kollha huma sintomi klassiċi li jkun hemm tiċrita tal-cruciate. Iżda mhux dejjem tiċċarrat f'daqqa u ħafna drabi minflok tiċċarrat, tiżżarrad gradwalment matul iż-zmien.

Sabiex issir dijanjosi tal-ACL tobba speċjalizzati fuq l-irkoppa jagħmlu eżami tagħha billi jiċċekkjaw jekk għandiex nefħa, il-firxa tal-moviment li tista tagħmel u jekk hijiex stabbli. Nies li ma jkunux ċarrtu l-ACL kompletament jgħidu ma jħossux l-irkoppa stabbli meta jimxu. Ħafna drabi t-tabib ikun kapaċi jagħti dijanjosi mil-konsulta tiegħu biss, imma jista' wkoll isir X-ray biex jiġu esklużi affarjiet oħra bħal ksur, iżda l-aħjar test li jista' jsir biex jidher l-ACL u l-kundizzjoni tiegħu huwa MRI. Imma x'jista' jsir jekk l-ACL jinstab imċarrat jew imżarrad? Kollox jiddependi kemm fuq il-kundizzjoni tal-ligament innifsu kif ukoll fuq il-lifestyle tal-pazjent.

F'każ li l-ligament ma jkunx imċarrat kompletament u l-individwu ma jkunx partikolarment sportiv, jew jkun dilettant tal-isport mingħajr ma jeżercita ruħu żżejjed, kors physiotherapy specjaliżżat għal din il-ġerħa jista' jkun biżżejjed biex tissaħħaħħlu l-irkoppa. Iżda f'każi oħra jista jkun hemm bżonn operazzjoni li tissejjaħ ACl repair. Ġeneralment meta l-pazjent jkun żgħir u attiv, jipprattika xi sport ta' strapazz bħal football jew basketball, jew l-ACL tant ikun f'kundizzjoni ħazina li jġiegħel l-irkoppa togħtor, ACL repair tkun l-aqwa soluzzjoni sabiex tinżamm kwalita' tal-ħajja għolja. Illum il-ġurnata ACL repair issir b'teknika tissejjaħ 'keyhole surgery', iġifieri l-operazzjoni kollha issir minn toqob żgħar daqs nofs ċentimetru, mingħajr ma tinfetaħ ġerħa kbira. Minkejja li l-operazzjoni tissejjaħ ACL repair, il-ligament ma jiġix imsewwi u minflok jitneħħa kompletament. Minfloku l-kirurgu jneħħi korda fl-irkoppa tissejjah 'tendon' li tgħaqqad muskolu mal-għadam u jpoġġieha minflok l-ACL. It-tendon li jitneħħa ma jkunx importanti u t-tneħħija tiegħu ma tkunx tagħmel differenza. Il-korda l-ġdida li titpoġġa minflok l-ACL billi jiġu mtaqqba toqob ġol-għadma t-twila tal-koxxa u l-għadma t-twila tal-qasba tas-sieq u titpoġġa kull tarf tal-korda l-ġdida ġo dawn it-toqob. Wara li titpoġġa fil-post jintużaw viti specjali biex tiġi ankrata soda fl-għadam. Din il-korda tissaħħaħ matul iż-żmien għaliex hija taħdem bħala qafas sabiex il-ġisem ikabbar ċelloli ġodda bħal ligament l-antik fuqha.

Wara l-operazzjoni huwa importanti ħafna li l-irkoppa tisserraħ b'faxxa stretta madwarha u mtedda il-fuq fuq imħadda. Barra minn hekk għandu jitpoġġa s silġ fuq l-irkoppa biex tinżel in-nefħa. Dawn l-erbgħa proċessi jissejħu R.I.C.E (rest, ice, compression, elevation). Biex l-operazzjoni tkattar riżultati tajba, l-fiżjoterapija li trid issir spiss fuq medda ta' żmien, skont il-bżonn u l-progress. Wara ġimgħat ta' fiżjoterapija l-irkoppa operata għandha jkollha pjuttost l-istess firxa ta' moviment bħall-irkoppa l-oħra u tkun tista żżomm il-piż fuqha. Nies sportivi u atleti jkunu jistgħu jirritornaw għall-isport favorit tagħhom bejn wara seba' xhur u sena.

Ghal aktar informazjoni rigward servizzi ta' kura relatati ma' sports medicine, cempel St Thomas Hospital fuq 21 482 482.




Malta's newest Hospital.
Right at your doorstep.

StH
Saint Thomas Hospital

**St Thomas Hospital**
Valletta Road Qormi

Now Open.
Call us on **21 482 482**



# "BIL-QARI U L-KITBA NISKORJA"
# NILTAQGĦU MAT-TIM (II)

Fil-ħarġa li għaddiet iltqajtu mal-isports leaders u l-kap tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu. Din id-darba jmiss li tiltaqgħu mas-senior manager tal-programm, Erika Borg Medati, mal-literacy sports leaders, Sarah Busuttil u Maria Cremona, u s-segretarja, Suzanne Balzan.

**1. X'jogħġbok f'dan ix-xogħol?**

**Suzanne:** Li jogħġobni f'dan ix-xogħol hu li naħdem bħala parti minn grupp ta' nies professjonali li jagħmlu xogħolhom b'dedikazzjoni u ħeġġa. Barra minn hekk, b'mod personali, inħoss sodisfazzjon li jien qiegħda nagħti kontribut għall-edukazzjoni ta' tfal b'mezzi differenti.

**Maria:** Inħossni tassew ixxurtjata li jiena parti mit-tim ta' "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja". Avolja ġejjin minn ambjenti differenti, naħdmu tajjeb ħafna flimkien. Dejjem nsistu li naqsmu l-esperjenzi u l-ideat tagħna flimkien biex nibqgħu ntejbu l-programm ħalli nibqgħu noffru servizz tajjeb lill-parteċipanti tagħna.

Xogħli, bħala literacy resource leader, huwa marbut mad-dinja tal-kotba u l-istejjer. Minn dejjem kont inħobb naqra u niskopri kotba ġodda u differenti. Issa għandi l-opportunità li ngħaddi din l-imħabba tiegħi lil tfal oħra permezz tal-futbol.

F'xogħolna, aħna nimplimentaw il-filosofija tal-Aġenżija Nazzjonali tal-Litteriżmu; li l-qari mhuwiex xi ħaġa tal-iskola u l-istudju biss. Huwa wkoll interessanti u divertenti, u meta t-tfal jieħdu gost jagħmlu xi ħaġa, anke jaqraw; jitgħallmu u jirnexxu aktar. Il-programm tagħna huwa wieħed ħolistiku għax aħna ngħallmu lit-tfal ħiliet essenzjali li mhux biss jgħinuhom fil-logħba tal-futbol imma wkoll għall-ħajja.

**2. X'taħseb dwar il-programm?**

**Sarah:** Bħala edukatriċi, li nkun parti mill-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" huwa tassew unur. Dan għaliex, il-programm huwa wieħed innovattiv u li jżomm it-tfal fiċ-ċentru ta' kull pass li nieħdu. Nista' ngħid li l-parteċipanti kollha laqgħuh b'ħafna pożittività, u r-riżultati kienu aħjar



milli stennejna.

Fil-ħafna snin li jiena qattajt bħala studenta niftakar kemm kont nieħu gost meta l-għalliem jew għalliema kien/kienet toħroġna barra mill-klassi biex tagħti l-lezzjoni. Billi dawn is-sessjonijiet isiru f'ambjent inqas formali, kif ukoll li nużaw il-football bħala t-tema tal-qari u l-kitba, it-tfal jieħdu ħafna gost fil-programm.

Aħna l-promoturi tal-litteriżmu, flimkien mal-promoturi tal-isport naħdmu bħala tim sabiex kull sessjoni tkun imżewqa bil-qari u l-kitba fuq l-football, u kollox jingħaqad mal-eżerċizzji tal-football li jsiru waqt l-istess sessjoni. Is-sens ta' tim bejnietna l-leaders huwa evidenti fil-kreattività u l-entużjażmu li għandna għal kull sessjoni sabiex dan il-programm jibqa' jissaħħaħ.

### 3. Għalfejn għażilt dan ix-xogħol?

**Erika:** Minn dejjem kont insegwi x-xena sportiva, kemm meta kont għadni tifla kif ukoll issa li kbirt. Id-dinja sportiva nammiraha ħafna għax naf x'jinvolvi li inti tkun sportiv u kemm trid tqatta' ħin fit-taħriġ sabiex inti dejjem timxi 'l quddiem fid-dixxiplina sportiva li tkun qed tipprattika.

Kif kont smajt li kien hemm opportunità ta' xogħol mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ma qgħadx lura. Iddeċidejt li nidħol għal din l-opportunità u llum il-ġurnata ma jiddispjaċinix. Ilni għal din l-aħħar sena fil-kariga maniġerjali fuq dan il-programm. Matul din is-sena rajtu jikber ftit ftit. Dan ix-xogħol ta' wara l-kwinti huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija.

L-ikbar sodisfazzjon nieħdu meta nara l-wiċċ daħkan tat-tfal li jattendu s-sessjonijiet ta' kull ġimgħa. Minn dik il-ħarsa ninduna li qed naħdem f'programm li qed jagħmel ħafna ġid lil dawn iċ-ċkejknin. Qed ngħinuhom jifthu l-bibien tal-futur tagħhom permezz tad-dinja sportiva. Minn din id-dinja qed jaslu għad-dinja tal-qari u hekk qed jibnu pedament tajjeb għall-quddiem.




# NIPPROMWOVU L-INKLUŻJONI PERMEZZ TAL-ISPORT

Permezz tal-fondi tal-Unjoni Ewropea (UE), matul is-snin twettqu diversi proġetti li jinkorporaw u jippromwovu aspetti sportivi ma' oħrajn soċjali.

Kif ħafna Maltin jafu, l-Erasmus+ hu programm ta' fondi immirat biex jappoġġja inizjattivi ta' taħriġ u edukattivi, kif ukoll inizjattivi sportivi. L-Erasmus+ jipprovdi wkoll l-opportunità lill-organizzazzjonijiet biex jiżviluppaw u jimplimentaw proġetti innovattivi fil-qasam tal-isport. B'kollox, il-baġit totali tal-Erasmus+ jiġbor fih madwar €14.7 biljun għall-perjodu 2014-2020. Għall-2018, madwar €46.5 miljun kienu ddedikati għas-settur sportiv (żieda ta' madwar €14.7 miljun fuq l-2017).

Barra minn hekk, din is-sena kienet imressqa proposta għall-ammont ta' fondi li se jiġu dedikati għall-Erasmus għall-perjodu 2021-2027. Filwaqt li din il-proposta għadha qed tiġi diskussa, punt importanti hu li pjan ġdid tal-Erasmus "jippromwovi l-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u l-personal tal-isport, kif ukoll il-koperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet tal-isport u l-politiki tal-isport". L-għan aħħari tal-proġetti sportivi li jsiru taħt il-kappa tal-Erasmus hu wieħed komuni - dak li jgħaqqad lin-nies bis-saħħa tal-isport. L-inklussività, fil-fatt, hi tema komuni li tidħol f'ħafna minn dawn il-proġetti.

Biex l-UE tippromwovi u anki tippremja proġetti tassew sinnifikattivi fis-settur tal-inklussività, ħolqot il-#BeInclusive Awards. Dan l-avveniment kien maħluq propju biex jappoġġja proġetti ddedikati għall-promozzjoni tal-inklużjoni permezz tal-isport u l-attività fiżika madwar l-Ewropa.

Il-premjijiet tal-#BeInclusive Awards huma miftuħin għal organizzazzjonijiet stabbiliti f'pajjiżi Ewropej. Dawn jistgħu jkunu organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, kummerċjali jew mhux għal skop ta' profitt, li żviluppaw b'suċċess proġetti sportivi mmirati lejn l-inklużjoni soċjali.

Fis-27 ta' Novembru se jintgħażlu tliet proġetti rebbieħa, li se jingħataw ukoll €10,000 kull wieħed. Barra minn hekk, sitt proġetti oħrajn se jingħataw €2,500 kull wieħed.

L-għaxar proġetti li ġew nominati huma dawn: Bádóireacht (Irlanda), Fit4Life (Finlandja), Integration of Syrian Refugee Children Into Community Games Sports & Cultural events (Irlanda), Judo club for people with disabilities Fuji (Kroazja), Rugby Opens Borders - Leveraging organised Teamsports for the integration of refugees and migrants (Awstrija), Sport &Refugees (Ġermanja), start2coach (Germanja), S(up)port Refugees Integration (Italja), u The Running Charity (Renju Unit). Minkejja li għal din is-sena ma ġewx nominati proġetti li saru minn organizzazzjonijiet Maltin, dawn xorta bbenefikaw u mexxew proġetti li jitrattaw propju l-inklużjoni, f'diversi forom. Kif wieħed jista' jinnota mill-maġġoranza tat-titli, kull proġett jinvolvi aspett tassew b'saħħtu tal-isport: l-inklussività u l-integrazzjoni. Il-prattika ta' dawn il-valuri li jissaħħu permezz tal-isport, jistgħu jkunu parti mis-soluzzjoni għall-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-UE llum. Dawn il-proġetti jgħaqqdu diversi popli flimkien għal għan wieħed, u iktar ma jikber l-interess taċ-ċittadini fl-isport u l-inklużjoni, iktar l-UE tista' tassew tirrefletti l-motto tagħha, l-Għaqda fid-Diversità.

*James Azzopardi*




# DYLAN CASSAR JISSORPRENDI FIT-TIENI RANKING TOURNAMENT TA' L-ISTAĠUN

Dan l-aħħar il-Malta Pool Association temmet b'suċċess it-tieni ranking tournament għal dan l-istaġun, staġun li jintemm f'Ġunju tas-sena d-diehla. Fil-kategorija ta' l-irġiel kellna r-rebħa sorpriża taż-żgħażugħ Dylan Cassar li f'finali mill-aktar eċċitanti għeleb lil Mario Cutajar bl-iskor ta' 8-7. Iż-żewġ players, li jilgħabu ma' Splendid Bar, kellhom prestazzjoni mill-aqwa u r-riżultat seta' mar fuq iż-żewġ naħħat. B' din ir-rebħa Cassar kiseb post fit-tim nazzjonali Malti ta' l-irġiel li ser jirrapreżenta lil Malta fil-kampjonati Ewropej li ser isiru fl-Irlanda bejn id- 9 u 16 ta' Frar li ġej. Minn naħa l-oħra Cutajar ikkonsolida l-ewwel post tal-klassifika tal-irġiel segwit minn Duncan Pisani u Stanley Domenici.

Manuel Mallia kien il-protagonist fil-kategorija Over 50's. Fil-finali Malllia għeleb lill-player ta' Splendid Bar Tonio Mifsud bl-iskor ta' 8-7. Din kienet l-ewwel rebħa ta' Mallia fil-karriera tiegħu, player li jilgħab ma' Cox Sports Bar. Bir-rebħ ta' dan it-tornew Mallia assigura post fit-tim nazzjonali tal-kategorija li ser jieħu sehem fil-kampjonati Ewropej fl-Irlanda. Fil-klassifika tal-kategorija Marcel Micallef jinsab fl-ewwel post segwit fit-tieni post minn Tonio Mifsud u fit-tielet post minn Alfred Attard, Brian Grech u Marco Bonello li lkoll għandhom l-istess numru ta' punti.

Fil-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena kellna r-rebħa kbira ta' Dejan Grech li fil-finali għeleb lil Scott Muscat ta' Brooklyn Bar bl-iskor konvinċenti ta' 8-2. Grech, li jilgħab ma' Senglea Boċċi Club, kellu prestazzjoni mill-aqwa u ma ħalla l-ebda spazju lill-player avversarju biex jirkupra. B' din ir-rebħa Grech tela' fil-quċċata tal-klassifika tal-kategorija segwit minn Ryan Falzon u Scott Muscat. Christian Spiteri kiseb it-tieni rebħa tiegħu f' dan l-istaġun. Fil-finali din id-darba għeleb lil Neil Caruana ta' The Hatch Bar Mġarr bl-iskor konvinċenti ta' 6-2. Grazzi għal din ir-rebħa l-player ta' Top Gun Bar ikkonsolida l-ewwel post tal-klassifika tal-kategorija b' punti massimi segwit minn Liam Mifsud u Neil Caruana.

Aktar tornej se jsiru fil-ġimgħat li ġejjin bil-logħob kollu jiġi organizzat fil-Każin Banda San Ġorġ Martri Qormi.



# JINTEMM B'SUĊĊESS IL-KAMP TA' TAĦRIĠ MILL-KEMPO ARNIS F'MALTA

Bejn is-27 u l-31 ta' Ottubru 2018, il-Federazzjoni Maltija tal-Kempo Arnis organizzat kamp ta' taħriġ li ta' kull sena torganizza fil-ħarifa ġewwa l-Kumpless Sportiv li jinsab fir-Rabat, Għawdex. Dan il-kamp kien immexxi għal darb'oħra minn Shihan Borut Kincl li huwa 7th Dan Black belt, kif ukoll huwa l-mexxej u l-fundatur ta' din il-Federazzjoni li hija bbażata ġewwa Slovenja.

Il-kamp beda fejn is-Sibt 27 ta' Ottubru, il-membri adulti li jipprattikaw din l-arti kellhom seminar ibażat fuq teknika u metodi ta' taħriġ biex ikunu jistgħu javvanzaw aktar f'din l arti. Eżatt wara l-istess membri għamlu eżami sabiex jieħdu ċ-ċinturin skont il-grad rispettiv tagħhom. L-għada l-Ħadd 28 ta' Ottubru, ġie organizzat seminar ġenerali fejn għalih seta' jattendi kulħadd. Hawn attendew kemm il-membri ż-żgħar kif ukoll il-kbar ta' KAF Malta, kif ukoll diversi għalliema u studenti minn skejjel oħra ġewwa Malta. It-Tnejn 29 ta' Ottubru, fil-għodu, l-għalliema ta' KAF Malta attendew għal instructors course fejn għaddew minn taħriġ sabiex ikunu jistgħu jgħallmu l-istudenti lokali bl-istess mod u manjiera li jkunu qed jitgħallmu skejjel mill-istess federazzjoni f'pajjiżi oħra barra minn Malta. Wara kien hemm ukoll sessjoni ta' taħriġ għal membri ż-żgħar ta' KAF Malta u eżatt wara nżammet il-kompetizzjoni tal-Malta Open Arnis Championships, fejn għall-ewwel darba ġo l-Ewropa saret kompetizzjoni taħt it-tmexxija tal-PEKAF (Philippine Escrima Kali Arnis Federation). It-Tlieta 30 ta' Ottubru, kienet il-ġurnata tal-għeluq ta' dan il-kamp ta' taħriġ fejn reġa sar kors għall-għalliema ta' KAF Malta fejn komplew jgħaddu iktar materjal tal-kurrikulum il-ġdid. Wara dan is-suċċess organizzattiv, aħna tal-iSportiv ħadna l-kummenti ta' Sensei Joseph Portelli, li huwa wkoll l-head instructor tal-Federazzjoni Maltija tal-Kempo Arnis. L-ewwel mistoqsija li għamiltlu kienet dwar min kienu l-influwenzi maġġuri tiegħu fl-arti marzjali? Huwa weġibna li, "meta kont għadni tifel, il-maġġoranza tal-films li kienu joħorġu kienu bbażati fuq l-arti marzjali. Minn hemm bdejt nuri nteress u dejjem kelli x-xewqa li nibda nittrenja. L-aktar attur pero' li nfluwenzani kien Chuck Norris li kien champion tad-dinja għal 6 snin". Staqsejtu wkoll għaliex iddeċieda li jagħżel il-Kempo Arnis bħala dixxiplina marzjali? Portelli pront weġibna, "jiena għażilt il-Kempo Arnis bħala l-arti marzjali li tgħodd għalija għax hija arti kompluta u tagħtik dak kollu li għandek bżonn biex tkun effettiv f'kull żona li tista tinsab fiha f'attakk reali kemm bl-armi kif ukoll mingħajr armi".

Ma stajtx ma nistaqsihx fuqhiex huwa bbażat il-kurrikulu tiegħu? Sensei Portelli qalilna li l-kurrikulu li jgħallmu, jibda minn livell bażiku għal livell avvanzat fejn dan huwa bbażat fuq applikazzjoni u difiża kontra daqqiet bl-idejn u s-saqajn, tiegħ mal-art, qbid, ġlied mal-art u ġlied bl-armi f'kull żona. Fuq kif jiddeskrivi student ideali, Portelli qalilna, "bħal f'kull dixxiplina, l-istudent ideali huwa dak li jieħu t-taħriġ bis-serjeta', jieħu d-direzzjoni li jagħtih il-kowċ/għalliem tiegħu u jżomm saqajh mal art u fl istess waqt jibqa bil mentalita' li dejjem hemm ferm iktar x'titgħallem". Fuq liema oqsma ta' Kempo jaħseb li l-istudenti għandhom jiffukaw l-iktar fuqhom, huwa weġibna li l-oqsma kollha huma mportanti, iżda l-aktar essenzjali biex li l-istudent javvanza huwa li jkollu bażi tajba li jkun jista jibni fuqha u meta student ikollu l-bażi tajba u jitgħallem il-kunċett tagħhom, il-materjal jiġih eħfef biex jitgħallmu.

Fuq id-domanda li għamiltlu dwar x'jaħseb fuq ċerta perplessita'




ta' xi idea żbaljata li għandhom xi wħud dwar il-Kempo Arnis, Joe Portelli weġibna, "naħseb l-aktar idea żbaljata mhux tal-Kempo biss imma ta' kull arti marzjali hija li dan jiġi relatat ma' ġlied fejn fil-fatt huwa difiża kontra attakki komuni li ssib fil-ħajja ta' kuljum u fir-realta' ftit issib atleti dixxiplinati bħal min jipprattika l-arti marzjali. Iżda xi eċċezzjoni ssib dejjem".Dwar x'jikkummenta dwar dan il-kamp ta' taħriġ li jinżamm b'suċċess ta' kull sena f'Għawdex, it-tweġiba ta' Sensei Portelli kienet, "l-iskop ewlieni ta' dan il-kamp ta' taħriġ huwa li nġibu materjal u metodi ġodda ta' taħriġ sabiex l-istudenti tagħna jkunu jistgħu javvanzaw. Fl-istess ħin inkunu qed nagħmluha faċli għal membri tagħna biex ikollhom l-opportunita' li jittrenjaw ma' għalliema barranin hawn Għawdex mingħajr ma jkollhom isiefru biex jagħmlu dan."

Ta' kull sena membri tal-KAF Malta jmorru għal kamp ta' taħriġ fi Slovenia u dwar dan jien staqsejt dwar il-benefiċċju li qed jiksbu minn din il-parteċipazjoni annwali f'Novo Mesto, Portelli bl-ikbar sodisfazzjon qalilna, "meta nattendu għal kamp ta' taħriġ li jsir kull sena ġewwa Novo Mesto fir-rebbiegħa, apparti li nkunu qed nibbenefikaw minn tagħlim u metodi ta' taħriġ, ikollna l-opportunita' li niltaqgħu u nitħalltu ma' numru kbir ta' atleti barranin li b'hekk jirnexxielna npoġġu lil Malta fuq il-mappa sportiva permezz tal-arti marzjali. Barra minn hekk wara dawn is-snin kollha nattendu il-kamp ta' taħriġ ġewwa Slovenja, aktar qed insiru qisna familja waħda, u dan huwa mportanti hafna". Dwar x'titjib jara fl-istudenti lokali mis-sena li għaddiet u x'pariri jagħti lil dawk kollha li jixtiequ jibdew jipprattikaw il-Kempo Arnis, huwa qalilna, "nixtieq ngħid li mis-sena li għaddiet rajt progress kbir kemm mill-istudenti l-kbar, kif ukoll miż-żgħar. Meta tara l-kompetizzjonijiet li qed norganizzaw, tinduna li l-livell qed jitjieb kontinwament. U għal dawk interessati li jipprattikaw din l-arti, kull ma jridu jagħmlu huwa li jikkuntattjawna u jiġu jippruvaw fil-klassijiet tagħna ġewwa l-Kumpless Sportiv tar-Rabat, Għawdex. Dwar x'futur jara għal dan l-isport fil-gżira Għawdxija, huwa weġibna hekk, "nixtieq ngħid li jidher li hemm futur sabiħ għal din id-dixxiplina, għaliex hemm konkorrenza tajba ħafna, il-livell u d-dedikazzjoni li tara fil-membri kollha tagħna jagħmluni kburi ħafna li nifforma parti minn dan il-grupp". Joseph Portelli mitlub jagħtina l-aħħar kummenti tiegħu qalilna, "din il-missjoni ġiet imwettqa fejn il-kamp ta' taħriġ tal-KAF Malta 2018 sar u għadda". Huwa xtaq jirringrazzja lil kulħadd li kien parti minn dan il-kampijiet li saru matul is-snin fejn bla dubju, dan li għadu kif spiċċa kien wieħed mill-aqwa li qatt kienu organizzati. Kien fuq kollox seminar tal-membri tal-KAF, seminar ġenerali, b'kors għall-instructors, seminar ghal Juniors, ittestjar taċ-ċintorin tas-Seniors u Kampjonati miftuħa tal-Arnis. Portelli radd ħajr mill-qalb lil Shihan Borut Kincl li mexxa s-sessjonijiet kollha u wkoll għal gwida professjonali tiegħu matul din il-mixja ta' sport li għażlu li jiehdu. Huwa għadda grazzi kbira oħra lil Sensei Damir Ivandić, Maja Kincl Skube, Marko Skube, Domen Zorko, Gasper Zickar, Tanja Loretta, kif ukoll lit-tfal li ġew fostna minn Slovenja biex isostnu dan l-avveniment u jgħinu b'kull mod.

"F'isem il-membri kollha tagħna nixtieq nirringrazzja lill-Ministru għal Għawdex, Dr. Justyne Caruana li ġiet iżżurna matul dan is-seminar. Nixtieq ukoll nirringrazzja lil Sensei Raymond Cutajar, Sensei Godwin Agius u l-membri kollha ta' Seishinkan Aikida Malta, Sensei Zsolt Tuske, Senpai Szilvia Vikartoczky u l-membri kollha ta' Nihon Tai Jutsu Malta, Sensei Jairzinho Zammit u l-membri kollha ta' Shiroi Tora Shotokan Karate, Sensei Mark J. Attard u Marie Bernafe ta' Malazarte BC BodyCore u lit-tim tagħha u l-kowċ Lawrence Attard u t-tim tiegħu tal-Qawra Self Defense li dejjem jissapportjaw l-avveniment tagħna. Mingħajr dan l-appoġġ kollettiv, żgur li ma jistax jintlaħaq dan is-suċċess kollu. Irrid inrodd ħajr ukoll lill-President u l-Bord Sportiv Għawdxi, lil Sean Michael Daly u lilek tal-preżenza tagħkom waqt dawn l-avvenimenti annwali tagħna, kif ukoll lid-direzzjoni tal-Kumpless Sportiv tal-koperazzjoni tagħhom. Grazzi mill-qalb lill-membri kollha tagħna li jattendu b'entużjazmu u dedikazzjoni u fl-istess waqt nifraħ u ngħid prosit kbira lil dawk kollha li għaddew mit-test taċ-ċinturin tagħhom bi stil professjonali". Sensei Joseph Portelli għalaq din l-intervista tiegħu magħna bir-ringrazzjamenti tal-aħħar iżda mhux l-inqas, ringrazzjamenti mill-iktar xierqa u meritati għal Senpai Felix Sammut, Senpai Christina Said, Senpai Jo Seph Sultana u Senpai Melvin Calleja li flimkien u ma' membri oħra għenu fit-tħejjijiet kollha qabel u matul il-kamp. "B'hekk aħna nistgħu nħarsu bl-ikbar ottimiżmu 'l quddiem lejn kamp ieħor intensiv li mistenni li jkun organizzat is-sena li ġejja".

*Joe Bajada*



# NAVAJ BRODDA TIRBAĦ UKOLL IL-FINALI GOLD

Ritratt: Martin Agius

F'idejn Charles Camilleri, Navaj Brodda rebħet fl-erbgħa ta' Novembru li għadda, l-aktar tiġrija importanti li saret fil-korsa tal-Marsa. Din kienet il-finali tat-tazza Johnnie Walker għal żwiemel tal-klassi Gold fuq distanza qasira ta' 2140m. Din il-finali ghamlet parti mid-49 laqgħa tal-istaġun fuq għaxar tiġrijiet kollha għal-żwiemel tat-trott.

Tnax-il żiemel ħadu sehem fil-finali Gold. Ida Glitter (George Attard) kienet l-aktar żiemel veloċi wara l-karozza tat-tluq u fl-ewwel metri fetħet vantaġġ zgħir minn Navaj Brodda (Charles Camilleri) u M.R. Hungry Eyes (Rodney Gatt). Madanakollu, 400m mill-linja finali, Ida Glitter bdiet tnaqqas mill-pass u dlonk inqabżet minn Navaj Brodda (Charles Camilleri) biex baqgħet sejra tieħu s-sitt rebħa nfila b'tul minn M.R. Hungry Eyes. Oliwer Hip (Clint Vassallo) u Titan d'Abo (Mario Fenech) temmew fit-tielet u r-raba' post rispettivament.

Fi tmiem il-finali, is-Sur Alfred Braddick, f'isem l-isponsors, ippreżenta t-trofew lil Frans Azzopardi u Charles Camilleri, is-sid u s-sewwieq rispettivament taż-żiemel rebbieħ. Dan fil-preżenza ta' Edwin Borg, Chairman tal-Malta Racing Club. Intant ir-rebbieħa kellha medja ta' 1.14.5" fil-kilometru. Mitlub jikkummenta dwar dan is-suċċess is-sewwieq Charles Camilleri tenna li kien verament kuntent bil-wirja impekkabli ta' Navaj Brodda f'din il-finali.

"Mhux faċli li jkollok wirja ta' din ix-xorta f'finali ta' dan il-livell u meta d-debba kienet ġejja wkoll minn sensiela ta' rebħiet. Sid id-debba, is-Sur Frans Azzopardi xtara lil din id-debba qabel il-waqfa tas-Sajf u mill-ewwel urietna x'issarraf. F'din il-finali qassamt id-distanza kif xtaqt u dan tista tagħmlu għax ikollok żiemel li għaddej minn forma tajba," ikkonkluda Charles Camilleri.

*Kenneth Vella*






Ritratti: Michael Balzan



# QORMI DAIKIN

## IKOMPLU JAHDMU BIEX ITEJBU L-LIVELL TAL-HOCKEY MALTI

Wara s-suċċess li kellhom fl-istaġun li għadda, Qormi Daikin komplew jaħdmu biex jgħollu l-livell tal-logħba tagħhom u kif ukoll ta' dik lokali. Il-klabb Qormi għadu ġej minn staġun fejn kellu suċċess f'kull kategorija tal-logħob domestiku. Fil-fatt il-klabb ta' Qormi kien irnexxielu jirbaħ kull kompetizzjoni li kkompeta fiha, inklużi dawk tal-kategoriji tat-tfal. Qormi Daikin huwa bbażat fuq plejers li jtella' hu stess min-nursery. F'dan il-klabb in-nursery hija mogħtija importanza kbira u matul iż-żmien bosta plejers marru jagħmlu training camps ġewwa l-Ingilterra u l-Italja. Allavolja kellhom dan is-suċċess il-klabb Qormi, xorta kompla jaħdem biex għall-istaġun 2018-19 it-tim ikompli jtejjeb il-livell tal-plejers. Fil-fatt f'nofs Ottubru l-ewwel tim mar Sqallija, ġewwa l-Universita' ta' Messina bhala parti minn training camp. Waqt dan il-camp il-klabb Qormi pparteċipa wkoll f'tornew ma' żewġ klabbs minn Messina, li huma l- Polisportiva Messina u CUS Unime, bit-tim ta' Unime jkun wieħed mill-aħjar klabbs Sqallin. Fil-fatt Qormi Daikin rebħu l-lornew billi rebħu l-logħob kollu b'riżultati konvinċenti.

Malli waslu Malta, Qormi Daikin bdew il-kompetizzjonijiet billi lagħbu l-finali tas-Super Cup kontra Floriana YS. Qormi Daikin u ħarġu rebbieħa f'din il-logħba b'rebħa ta' 4-2. Din il-finali ġiet organizzata bl-għajnuna tal-Għaqda Ġurnalisti Sport. Wara dan l-unur il-klabb Qormi Daikin sar l-uniku klabb li qatt irnexxielu jirbaħ l-unuri kollha li joffri l-hockey Malti, inklużi wkoll il-kompetizzjonijiet tat-tfal. Fil-fatt bħalissa Qormi Daikin huma rebbieħa tal-kampjonat nazzjonali, Knock Out, Challenge Cup, Super Cup, A. Tabone Memorial, Hockey 7s, Under 17, Under 14 u Under 11. Wara li tefa' l-applikazzjoni tiegħu, il-klabb Qormi ġie mogħti r-responsabilita' u l-unur li jorganizza l-European Challenge 4. Din il-kompetizzjoni dik Ewropea tar-rebbieħa tal-pajjiżi. Fil-fatt għal Ġunju se jkun hawn fostna klabbs minn Gibilta' (Eagles HC), Ungerija (Epitok HC), żewġ timijiet mill-Finlandja (Seinajoki United u HC Killpari) u Norveġja (SK Kringsja). Żewġ klabbs Maltin Qormi Daikin u Floriana YS se jirrappreżentaw lil pajjiżna. Qormi diġa kkompetew diversi drabi f'din il-kompetizzjoni u rnexxielhom joħorġu rebbieħa darbtejn fl- 2014 u fl-2016.




QHC 19 71

Qormi Hockey Club

BAR & GRILL



Manwel Dimech Street, Qormi, Malta • 9944 3012

Find us on: facebook.




# STARLITES
## FI KLASSI GHALIHOM

*Ritratti: Wally Galea*

**St James Hospitali Shield - FINALI**

**Starlites GIG .....86**
**Hibernians ........83**
**(17-7, 16-26, 30-24, 23-26)**

Din kienet finali ta' qtugħ tan-nifs, li ġiet deċiża proprju fl-aħħar sekonda, bi trippla tal-Amerikan, Cameron Ward, biex ma kienx hemm ħin għall-Pawlisti biex jirritaljaw. Ir-regola l-ġdida tal-barranin ġabet aktar logħob spettakolari, imma kien hemm ukoll il-kontribut tal-players lokali, li għollew il-livell tagħhom, hekk kif il-logħob beda jxaqleb min-naħa għall-oħra, u ż-żewġ timijiet kellhom ħinijiet tajbin għalihom. Il-partita setgħet marret fuq kull naħa, imma Starlites żammew pussess tal-ballun sal-aħħar, biex kisbu l-punti meħtieġa, u rebħu dan l-unur għat-tieni darba, mill-2016, meta kienu taħt l-isem ta' Virtus. Hibs ġew lura fil-logħba b'saħħa għal darbtejn, fil-bidu, u kmieni fl-aħħar taqsima biex imbagħad ġew maqbuża propju fit-tmiem.

Starlites kellhom il-kontinġent sħiħ, ta' erba' Amerikani, meta lagħbu Andrew Sears u Joe Tagrelli għall-ewwel darba, flimkien ma' Jordan Stotts u Cameron Ward. Iċ-champions kellhom lill-barranin tas-soltu, u żdied magħhom is-Serb, Ivan Demcesen, biex dawn l-erba' ġabru kważi l-punteġġ kollu tat-team.Starlites kienu sodi fil-bidu, meta fetħu bi break ta' 12-0, qabel ma l-Pawlisti setgħu jirrispondu, u l-Kanadiż, Chad Cuschieri Patus, għamel trippla, imma kienu għadhom minn taħt. It-tieni taqsima sabet liċ-champions jiġu aktar f'tagħhom, meta bdew ġejjin lura, u l-Ispanjol, Alvaro Lizaur, tefa' tliet trippli wara xulxin. Jordan Scott deher sew, bil-logħob fl-arja tiegħu, meta ġie mitmugħ sew minn sħabu. Meta Hibs waslu viċin, reġgħu kienu Starlites, biex feġġew fuq quddiem, hekk kif Tagarelli għamel trippla. L-aħħar parti tas-sessjoni kienet tal-Pawlisti, meta ġabu lura d-distakk, bi break ta' 10-2, u aktar punti, ta' Cuschieri Patus, kif ukoll trippla, biex l-iskor wasal għall-parità, ta' 33-33, sal-intervall. Wara l-mistrieħ, Hibs qabżu fuq quddiem, hekk kif Lizaur kompla b'aktar trippla. Starlites kellhom jiġru wara l-avversarji f'dak il-ħin, meta Lizaur kellu trippla oħra. Hawn kienu l-players lokali li ħadu lil Starlites għall-vantaġġ ġdid, meta Nick Formosa u Alec Felice Pace għamlu trippli. Hibs kisbu l-vantaġġ lura, bi trippla oħra, minn Lizaur, imma Starlites komplew b'aktar logħob tajjeb, meta għaqqdu break ta' 10-2, b'żewġ trippli oħra, minn id Felice Pace, biex marru 63-57 minn fuq. Fl-aħħar taqsima Starlites komplew jinqatgħu fuq quddiem, bi break ta' 7-2, u trippla minn Ward. Iċ-champions irpiljaw, u kienu huma li tellgħu break ta' 12-0, li qaleb l-iskor, meta Marco Matijevic u s-Serb l-ieħor, Demcesen, ħadu lit-team tagħhom fil-vantaġġ. Dan



il-vantaġġ wara nbidel għal ħames darbiet, hekk kif Stotts kellu trippla għal Starlites. Tard fil-partita Starlites kienu minn fuq, imma Hibs ġabu l-iskor indaqs għal darbtejn. Bl-arloġġ jimmarka 22 sekonda logħob, Starlites żammew il-pussess sal-aħħar, f'idejn Ward, li mbagħad ippottja trippla ċentrali, għall-ballun tar-rebħa. Wara l-partita s-Segretarju Generali tal-MBA, Joseph Muscat, ippreżenta t-Tazza tar-rebħ lil Alec Felice Pace, bil-folla numeruża ta' supporters ta' Starlites, għadhom jifirħu b'dak l-aħħar ballun tar-rebħa.

**Starlites:** O. Psaila , N. Formosa 6,R. Bonnici 4, I. Felice Pace , C. Ward 14, M. Falzon, A. Felice Pace 15, R. Carabott, M. Scerri, A. Sears 8, J.tagarelli 18, J. Stotts 21
**Hibs:** R. Vella 5, P. Attard , K. Sultana , L. Farrugia , M. Formosa , I. Bonett, A. Axiaq 2, M. Matijevic 19, A. Lizaur 23, I. Demcesen 22, C. Cuschieri Patus 12
**Referees:** B. Vassallo, T. Mantere, I. Simic

### St. James Hospital Shield - Nisa - Finali

**Starlites GIG 62**
**Hibernians 50**
**(12-12, 16-5, 21-18, 13-15)**

Starlites GIG għelbu lil Hibernians bl-iskor ta' 62-50. Għal Starlites, dan kien it-tieni unur tal-istaġun, wara t-Tazza Indipendenza, hekk kif huma għelbu liċ-champions għar-raba' darba, dan l-istaġun. Huma kellhom jirkupraw minn bidu tajjeb tal-Pawlisti, imma ladarba marru minn fuq, kienu Hibs li kellhom jiġru wara l-avversarji għall-kumplament tal-partita. Starlites lagħbu b'kunfidenza kbira għal kważi l-logħba kollha biex iċ-champions bdew isibu diffikultà biex jinfdu lid-difiża avversarja. Iżda kollox ma' kollox kien kienet rebħa meritata biex Starlites jistgħu jkomplu jibnu fuq dan is-suċċess. Wara s-suffara tat-tmiem kien il-President tal-MBA, Paul Sultana, li ppreżenta lill-captain ta' Starlites, Samantha Farrugia, bit-trofew tar-rebħ, f'din l-ewwel dehra tagħhom, fil-finali ta' din il-kompetizzjoni.

**Starlites:** M. Zammit Cordina 11, K. Galea 9, A. Micallef, S. Farrugia 2, M. Bonett 8, H. Acreman 2, C. Curmi 6, J. Grima 3, P. Arguello 14, M. Cutajar 4, S. Davies, A. Lupo 3
**Hibernians:** E. Micallef , E. Cassar 7, K. Caruana , S. Brincat 7, I. Agius 2, J. Abela, S. Abela 4, A. Simmons 22, N. Farrugia , H. Al Tumi , M. Said , L. Duncan 8
**Referees:** K. Dworniczak, N. Azzopardi, M. Hraisha

### St. James Hospital Shield - Amateur League Irġiel - Finali

**Gzira Athleta 79**
**Siggiewi 54**
**(18-12, 16-17, 22-15, 23-10)**

Gzira Athleta għelbu lil Siġġiewi bl-iskor konvinċenti ta' 79-54. Din l-ewwel finali, f'din il-kategorija, kienet għadha akkanita sal-intervall, imma, fit-tieni parti tal-partita, kienu Athleta li nqatgħu fuq quddiem, u Siġġiewi ma kellhomx risposta f'dan il-ħin, biex Athleta setgħu jispiċċaw rebbieħa komdi, għal-l-ewwel suċċess tagħhom, wara dak ta' sentejn ilu. Fi tmiem din il-finali saret il-preżentazzjoni, mis-Segretarju Ġenerali tal-MBA, Joseph Muscat, lill-captain ta' Athleta, Joshua Aquilina.

**Athleta:** K. El Ahmar 5, F. Mifsud Bonnici 4, J. Wait 1, E. Abela , L. Stefanovlc 16, M. Gouder 31, N. Xuereb 15, J. Aqullna , K. Schembri , S. Vincic 5, J. Ransley 2, R. Abela
**Siġġiewi:** M. Nedic 10, JP Antoncic , A. Morris , R. Curmi 2, H. Agius , D. Debattista, L. Azzopardi 1, A. Novakovic 23, D. Borg , Q. Bugeja , D. Bellinzona 11, D. Pisani 7
**Referees:** Z. Dobrosavljevic, D. Torok, C. Pollet

# STAĠUN 1964-65:
# FLORIANA V HAMRUN SPARTANS ABBANDUNATA

## Id-Disa' Ġurnata

**Valletta FC u Hibernians FC Bye**
**Rabat FC lagħbu darbtejn**

**30-01-1965: Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 1-1 H.T 1-1**
Ref: Eddie Bonello
Skurjaw: Ż. Alamango (F) 30' u A. Calleja (Ħ) 44'.

**Il-partita ġiet abbandunata fil-85 minuta.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Derek Iles, Pullu Bartolo, Norman Scott, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Hugh Caruana.

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Lolly Muscat, Patistu Attard, Leli Micallef, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Gejtu Briffa, Albert Calleja, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Eddie Moore, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Ir-referee Eddie Bonello, li kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni, ammonixxa erba' players tal-Ispartans – Albert Calleja u Patistu Attard fl-ewwel taqsima u lil Leli Micallef u Gejtu Briffa wara l-mistrieħ minħabba protesti, logħob goff u rimarki filwaqt li keċċielhom ukoll tliet players. L-ewwel kien Albert Calleja li tkeċċa fit-78 minuta filwaqt li ħames minuti mit-tmiem kienu John Zarb u Gejtu Briffa li tkeċċew minħabba protesti fuq indirect free kick fil-penalty area tal-Ispartans. Qabel tkeċċew dawn il-players, fl-aħħar għaxar minuti, ir-referee Bonello ma nnutax penalty favur Floriana meta xutt ta' Scott ġie miżmum minn idejn Moore filwaqt li ħassar dak li deher goal validu ta' Charlie Zammit tal-Ispartans wara li kien ikkonsulta mal-linesman Buttigieg. Meta kollox ġie lura fl-ordni l-partita kompliet iżda mmedjatament wara reġgħet waqfet meta Vella James ffowlja player Ħamruniż li rritalja. Hawn ir-referee keċċa lil Zarb u Briffa u ftit wara abbanduna l-partita. Meta ġie mistoqsi mill-ġurnalisti r-raġuni tal-abbandun huwa qal li r-raġuni kien ser jagħtiha biss lill-MFA.
2. Fi tmiem il-partita il-Pulizija damet 20 minuta biex irnexxielha tikkalma l-folla u r-referee u ż-żewġ linesmen setgħu jidħlu fid-dressing rooms.
3. Fir-rapport tiegħu r-referee Bonello qal li abbanduna l-partita minħabba li meta keċċa lil Johnnie Zarb u Gejtu Briffa dawn ma riedux joħorġu mill-ground. Il-players għamlu affidavit fejn Johnnie Zarb qal li meta r-referee saffar l-abbandun tal-partita huwa kien diġa fid-dressing room filwaqt li l-player Gejtu Briffa qal li meta ssaffar l-abbandun huwa kien fi triqtu lejn id-dressing room. Anke żewġ membri tal-kumitat tal-Ispartans, is-Segretarju Ray Gauci u l-Assistant Michael Vella kkonfermaw dak li qalu l-players. L-affidavits kienu ffirmati fil-Kamra tal-Avukat Ġenerali fil-Palazz il-Belt Valletta fit-8 ta' Frar 1965 quddiem Dr Guido Demarco, Kummissarju tal-Ġuramenti.
4. Fil-11 ta' Frar 1965 il-Bord tal-MFA b'ħames voti favur u tnejn kontra ddeċieda li r-riżultat fil-ħin tal-abbandun kellu jibqa' jgħodd bħala riżultat finali minħabba li l-Bord ħass li l-abbandun tal-partita sar għalxejn. Il-mozzjoni tressqet mir-rappreżentant ta' Sliema Wanderers Dr Maurice Decesare u ġiet ssekondata minn Jimmy Xerri De Caro rappreżentant tal-clubs tat-Tielet Diviżjoni. Fil-votazzjoni ħames membri oħra astjenew, tlieta ma kienux preżenti u membru ieħor ma kellux vot. Il-ħames membri li vvutaw favur kienu Dr Maurice Decesare, Jimmy Xerri De Caro, Carmelo Baluci ta' Hibernians, Calleja ta' Birkirkara u Pawlu Debattista tal-Ispartans filwaqt li Lino Camilleri u Degiovanni ta' Zejtun ivvutaw kontra. Kien hemm ħames astensjonijiet u tliet membri Robbie Borg Olivier (Valletta), A. Meli (Qormi) u Louis Fsadni (St George's) li kienu assenti.
5. Dak in-nhar stess li ttieħdet din-id-deċizjoni, il-Membru tal-Kunsill ta' Floriana Lino Camilleri ħabbar li kien qed jirriżenja mill-Kunsill. Huwa kien urtat li Floriana ma ngħatawx iż-żewġ punti minħabba li l-club tiegħu ma kellu ħtija xejn fl-abbandun tal-partita. Dan il-fatt tal-abbandun kien ukoll ta detriment għal Floriana u ta' vantaġġ għat-team Ħamruniż minħabba li l-Ispartans kienu ser jilgħabu l-aħħar ħames minuti bi tmien players. Madankollu l-Kunsill iddeċieda li l-inkompetenza ta-referee wasslet għall-abbandun. Minkejja li l-MFA qalet lil Floriana biex jibgħatu sostitut minflok Lino Camilleri, il-club Furjaniż bi protesta baqa' ma bagħat lil ħadd bħala sostitut tiegħu għal dak l-istaġun.
6. Fl-istess ġurnata tal-11 ta' Frar 1965 u fil-laqgħa ta' ġimgħa wara, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li studja r-rapport tar-referee ssospenda lil Eddie Moore u Lolly Muscat għal sena b'effett mill-5 ta' Frar wara li xejjru bis-sieq lir-referee. Albert Calleja ġie sospiż għal partita waħda u mneħħi minn captain għax gibed u mbotta lir-referee, John Zarb ġie sospiż partita wara li nsulenta lir-referee, Gejtu Briffa ġie sospiż għal xahar wara mġieba aggressiva, filwaqt li Patistu Attard u Pullu Bartolo ġew imwissija. Id-deċiżjonijiet fuq John Zarb, Gejtu Briffa, Eddie Moore u Lolly Muscat kienu tħallew għal ġimgħa ta' wara minħabba li l-membri tal-Kunsill Dr Maurice Decesare u Robert Borg Olivier ma setgħux jibqgħu sal-aħħar.
7. Ir-referee Eddie Bonello kellu jidher quddiem l-MFA fit-12 ta' Marzu 1965 biex iwieġeb fuq il-kontroll tiegħu fil-partita u biex jispjega x'wasslu biex jabbanduna l-logħba. Ir-referee ma deherx quddiem il-Kunsill bir-raġuni uffiċjali tkun li ma setax jitlaq mix-xogħol. Minflok huwa bagħat ittra twila lill-Kunsill fejn ikkritika d-deċiżjoni tagħhom. Fil-25 ta' Marzu 1965 il-Kunsill tal-MFA iddeċieda li r-referee Eddie Bonello ma jingħatax aktar logħob għal dak l-istaġun u ma jingħatax il-promozzjoni għal First Class Referee minħabba li ma ħax il-passi kollha xierqa li setgħu evitaw l-abbandun tal-partita.
8. Fid-19 ta' Frar 1965 Lino Camilleri bagħat ittra lill-MFA u r-referee Bonello bagħat ittra lill-MFRA fejn it-tnejn ipprotestaw kontra artikli miktuba minn Dr. Maurice Decesare fuq l-Orizzont u l-Malta News fejn fihom ikkjarifika r-raġuni għalfejn ressaq il-mozzjoni biex ir-riżultat tal-

partita jibqa' jgħodd.
9. Fis-26 ta' Frar il-player ta' Ħamrun Albert Calleja kien tressaq il-Qorti akkużat li ngurja lir-referee Eddie Bonello u l-linesmen R. Buttigieg u Joe Cassar Naudi. Huwa kien instab ħati u weħel £2.
9. Il-goal ta' Żarenu Alamngo ġie devjat minn Martin Attard li pprova jikklerja iżda kompla l-ballun fix-xibka. Żewġ minuti qabel fetaħ l-iskor Alamango kellu goal ieħor li ġie mħassar għal offside.
10. Fit-32 minuta tal-partita Ċikku Xuereb ħareġ mill-ground u mar ikellem pulizija biex isikket partitarju ta' Floriana li ma waqafx jgħajjru mill-bidu tal-partita. Meta rritorna lura fil-ground r-referee Bonello ammonih. Fil-5 ta' Frar Ċikku Xuereb kien ġie mmultat £1 mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA.
11. Fil-51 minuta Freddie Vella James ta' Floriana deher ixejjer bis-sieq lill-goalkeeper tal-Ispartans li kien għadu mal-art. Ir-referee Bonello ma ħa l-ebda azzjoni.
12. Norman Scott kien qed jiddebutta ma' Floriana wara li kien ingħata r-release mingħand Rabat f'nofs Diċembru. Huwa daħal minflok Lolly Debattista li kien sospiż logħba.
13. B'konessjoni ma' din il-partita l-player tal-Ispartans Albert Calleja kien deher quddiem il-Maġistrat J. Soler bl-akkuża li ngurja lir-referee Bonello u liż-żewġ linesmen R. F. Buttigieg u Joe Cassar Naudi. Calleja kien instab ħati u weħel £2. Calleja kien qed jirritorna fit-team tal-Ispartans wara li tilef l-aħħar partita.
14. Floriana FC kienu qed jilgħabu t-tieni partita tal-kampjonat fi tliet ijiem fejn anke fil-partita l-oħra kontra Hibernians kien inqala' inkwiet kbir.
15. In-nofs ta' nhar fil-Gżira Stadium kien mimli nċidenti meta qabel din il-partita, kien hemm logħba mill-kampjonat tar-Reserves bejn Sliema Wanderers u Valletta (2-1) fejn kien hemm ġlied kbir bejn il-players li kompla fuq it-track tal-ġiri bir-referee jkeċċi ż-żewġ players ta' Valletta Zahra u Attard.

**31-01-1965: Gżira Utd. FC – Rabat FC 4-0 H.T 1-0**
Ref: James Sawyer
Skurjaw: T. Sciberras (G) pen. 33', Portelli (G) 52', T. Camilleri (G) 63' u J. Galea (G) 78'.

**Gżira Utd. FC:** Alfred Vella, Briffa, Vince Relton, Albert Cristiano, Michael Grech, Tony Ciantar, G. Portelli, Twanny 'Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea, Tony Chappelle.

**Rabat FC:** Charles Azzopardi (Alfred Calleja 39'), Robert Ebejer, Żarenu Vella, Joe Cassar, Nicholas Muscat, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe Vella (Alfred Wilson 46'), Victor Azzopardi, Frans Peplow, Frans Micallef, Lolly Azzopardi.

1. Gżira United kellhom lill-players irreġistrati professionals – Charles Parnis, Nenu Chetcuti, Sunny Attard u l-goalkeeper George Sciberras, kollha nieqsa minħabba li kellhom xi differenzi mall-club filwaqt li George Faure kien nieqes minħabba li kien imsiefer man-Navy.
2. Rabat kienu għoddhom fetħu l-iskor wara biss minuta logħob meta Vince Relton salva minn fuq il-linja bir-ras ix-xutt ta' Frans Micallef.
3. Kien hemm protesti mill-players ta' Rabat fl-okkażjoni tal-penalty li wassal għall-ewwel goal ta' Gżira United meta x-xutt ta' Toninu Camilleri ħabat b'mod aċċidentali ma' idejn Robert Ebejer.
4. Il-goalkeeper ta' Rabat Charles Azzopardi weġġa' fid-39 minuta u ttieħed l-isptar b'ambulanza tas-St. John ibati minn concussion meta għola għal ballun u niżel għal rasu mal-art. Minfloku daħal il-goalkeeper ta' 15-il sena Alfred Calleja li kien jilgħab fil-league tal-Under 16 ma' Rabat. Azzopardi kien intbagħat id-dar ġurnata wara.
5. Fl-okkażjoni tar-raba' goal ta' Gżira skurjat minn Joe Galea, il-players ta' Rabat waqfu minħabba li ħasbu li l-player tal-Maroons kien f'pożizzjoni t' offside.
6. Minkejja li kien baqa' ma rreġistrax ma' Rabat, mit-18 ta' Jannar il-player George Tonna kien reġa' qed jinżel jittrenja magħhom. Skond il-ġurnal Malta News George Tonna suppost li kellu jilgħab ma' Rabat f'din il-partita iżda gibed muskolu.

**06-02-1965: Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 4-0 H.T 0-0** Ref: John F. Galea
Skurjaw: L. Micallef (S) 51' u 57' u J. Cini (S) 72' u 73'.

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Rabat FC:** Alfred Calleja, Nażżarenu Vella, Robert Ebejer, Joe Cassar, Nicholas Muscat, Lino Spiteri, Joe Vella, Victor Azzopardi, Alfred Wilson, Frans Micallef, Lolly Azzopardi.

1. Rabat kienu għadhom mingħajr il-goalkeeper Charles Azzopardi li kien ittieħed b'concussion l-isptar fl-aħħar ħarġa. Minkejja li kien ħareġ mill-isptar ġurnata wara huwa xorta ma kienx għadu f'kundizzjoni tajba għal-logħob.
2. Edward Aquilina reġa' deher fit-team ta' Sliema Wdrs wara li rranġa d-differenzi li kellu mall-club. Fil-fatt hu kien diġa' lagħab mal-Wanderers fil-league tal-U/21 fis-17 ta' Jannar fix-Schreiber Ground fir-rebħa ta' 2-0 fuq Floriana. Huwa kien ilu nieqes mill-ewwel team mill-istaġun l-ieħor.
3. Rabat ħarġu mill-bidu tal-partita jiddefendu b' għaxar players biex iżommu l-iskor baxx kemm jistgħu. Fil-fatt dan il-metodu rnexxa fejn sal-ewwel taqsima daħlu jistrieħu fi draw ta' bla goals.
4. Minħabba li l-ġurnata kienet qed titwal il-logħob tal-Ewwel Diviżjoni minn din il-partita qed jibda fit-3.15 p.m, kwarta iktar tard mis-soltu.

**Gżira United u Hibernians FC lagħbu partita inqas**

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 13-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Valletta FC 10 pti.; Floriana FC 9 pti.; Hamrun Sp. FC 5 pti.; Gżira Utd. FC 4 pti.; Rabat FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) u Joe Cini (Sliema Wdrs.) 7 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; L. Micallef (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit u T. Calleja (Valletta FC) 5 goals; T. Connor u G. Micallef (Valletta FC) 4 goals.

*Tonio Farrugia*



# UEFA NATIONS LEAGUE L-INGILTERRA TITPOĠĠA FAVORITA LI TIRBAĦ L-EWWEL EDIZZJONI

## Ikkwalifikaw ukoll mal-Final Four - l-Iżvizzera, il-Portugall u l-Olanda

L-Ingilterra, li ilha mill-1966 ma tirbaħ titlu internazzjonali, qed titpoġġa favorita li tirbaħ l-ewwel edizzjoni tal-UEFA Nations League. Dan wara li sar magħrufa min se jkunu il-Final Four ta' din il-kompetizzjoni. L-Ingilterra ikkwalifikat mal-Final Four u se tkun fis-semi-finali tal-ewwel edizzjoni tal-UEFA Nations League wara li spiċċat fl-ewwel post ta' Grupp 4 ta' League A fi tmiem ir-rebħa ta' 2-1 miksuba fuq il-Kroazja.

Minn League A ġew sorprendentement relegati l-Ġermanja waqt li naqsu li jagħmluha mal-finalisti iċ-Champions tad-Dinja Franza. Għall-Ingilterra dan hu tragward ieħor pożittiv mirbuħ mill-manager Gareth Southgate li għadu kemm iffirma kuntratt ġdid mal-FA Ingliża sa tmiem edizzjoni oħra tat-Tazza tad-Dinja. Fl-istess grupp kien hemm Spanja li spiċċaw fit-tieni post tal-grupp. Is-semi-finali u l-final ta' din l-ewwel kompetizzjoni li se tkun organizzata mill-UEFA kull sentejn se jintlagħbu fil-Portugall li rebħu Grupp 3 li fih kien hemm l-Italja li spiċċaw il-tieni biex f'kompetizzjoni oħra jerġgħu jilagħbu f' League A. Il-UEFA kienet iddeċidiet minn meta telgħu l-poloz tal-gruppi fejn kellhom jintlagħbu l-ewwel finali.

Fil-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-UEFA li se ssir it-Tnejn 2 ta' Diċembru se jkun konfermat fejn se jintlagħbu dawn il-finali li l-Federazzjoni Portugiża pproponiet li jintlagħbu f'Estadio El Dragao ta' Porto u f'Estadio D. Alonso ta' Guimares li jesgħu 30,000 spettatur. Is-semi-finali jintlagħbu fil-5 u fis-6 ta' Ġunju waqt li l-finali għat-tielet u r-raba' post u l-final se jintlagħbu fid-9 ta' Ġunju.

Il-final Four, kif qed jiġu msejħin ir-rebbieħa tal-erba' gruppi ta' League A. Dawn huma l-Olanda jew Franza, il-Belġju, l-Ingilterra u ċ-Champions Ewropej il-Portugall li ta' min jgħid li kkwalifikaw għal dawn l-ewwel finali mingħajr ma lagħab fl-ebda mill-erba' logħbiet Cristiano Ronaldo.

Ħarsa lejn kif żvolġew il-gruppi minn ġie promoss u ġie relegat għal meta jintlagħab it-tieni edizzjoni ta' dan il-League.




## LEAGUE A

### Grupp 1

L-Olanda rebħet il-grupp wara draw ta' 2-2 kontra l-Ġermanja. Iċ-champions tad-Dinja Franza ġiet it-tieni u l-Ġermanja tiġi relegata.

### Grupp 2

L-Iżvizzera rebħet il-grupp wara li fil-logħba deċiżiva tal-grupp rebħet lill-Belġju 5-2 biex il-Belġjani spiċċaw it-tieni u l-Islanda tkun relegata għax spiċċat l-aħħar fil-grupp.

### Grupp 3

Il-Portugall bis-saħħa ta' 0-0 kontra l-Italja f'Milan rebaħ il-grupp, bl-Italja tiġi t-tieni u l-Polonja tkun relegata għax spiċċat fit-tielet post.

### Grupp 4

Dan il-grupp intrebaħ mill-Ingilterra wara li fl-aħħar logħba rebħu lill-Kroazja 2-1. Imma l-Kroazja spiċċat l-aħħar biex spiċċat relegata minn League A.

Minn League B għal-League A ġew promossi l-Ukrajna, ir-Russja, Bożnja Herzegovina u d-Danimarka u ġew relegati għal-League C is-Slovakkja, it-Turkija, l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika tal-Irlanda.

Minn League C għal-League B ġew promossi l-Iżrael, Skozja, il-Finlandja u n-Norveġja u ġew relegati għal League D, l-Albanija, l-Estonja, Slovenja u l-Litwanja waqt li minn League D ġew promossi l-Georgja, Belarus u l-Kosovo.




Ritratt: Dominic Borg u Christine Borg

## Malta ma tevitax l-aħħar post

Malta f'edizzjoni oħra se terġa' tilgħab f'League D wara li ma rnexxilix tispiċċa l-ewwel fi Grupp 4 mirbuħ mill-Kosovo jew l-Ażerbaijan. F'waħda mill-aħħar żewġ logħbiet ġarrbet telfa umiljanti ta' 5-0 kontra l-Kosovo f'Ta' Qali. Kienet telfa li rridu ninsew malajr minħabba li telfa bi skor kbir daqshekk f'Ta' Qali konna ilna ma nsofru.

### MALTA.........0

Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Joseph Zerafa, Joseph Mbong, Luke Gambin, Andre Schembri, Rowen Muscat (64' Michael Mifsud), Juan Corbalan (65' Alfred Effiong), Ryan Camilleri, Roderick Briffa (74' Paul Fenech), Zach Muscat.

### KOSOVO.........5

Samir Ujkani, Fidan Aliti, Herolind Shala, Hekuran Kryeziu, Milot Rashica, Arber Zeneli (71' Donis Avdijaj), Amir Rrahmani, Valon Berisha (61' Besar Halimi), Mergim Vojvoda, Benjamin Kololli, Vedat Muriqi (83' Shkelqim Demhasaj).

**Referee:** Bartosz Frankowski (Polonja)
**Assistenti Referees:** Marvin Boniek, Dawid Igor Golis (Polonja)
**Additional Assistant Referees:** Daniel Stefanski, Krzysztof Jakubik (Polonja)
**Raba' Uffiċjal:** Adam Kupsik (Polonja)

Malta temmet l-impenji tagħha fil-UEFA Nations League bi draw ta' 1-1 kontra l-Faroe Islands biex ma rnexxiliex tevita li tispiċċa fl-aħħar post fil-grupp f'League D. Din il-logħba kienet l-94 u l-aħħar logħba internazzjonali għal Andre Schembri f'karriera internazzjonali ta' 20 sena. Għalkemm sab ruħu minn taħt wara erba' minuti, it-tim Malti kiseb id-draw 90 sekonda wara bl-ewwel gowl mat-tim nazzjonali skurjat minn Juan Corbolan. Malta b'hekk kisbet tliet punti minn sitt logħbiet.

### MALTA.........1

Andrew Hogg, Steve Borg, Andrei Agius, Joseph Mbong, Paul Fenech, Michael Mifsud, Andre Schembri, Rowen Muscat, Clayton Failla (80' Kyrian Nwoko), Juan Corbalan (78' Joseph Zerafa), Zach Muscat (66' Jonathan Caruana).

### FAROE ISLANDS.........1

Gunnar Nielsen, Viljormur Davidson, Atli Gregersen, Ragnar Nattestad (83' Omar Faero), Hallur Hansson, Brandur Hendriksson, Gilli Rolantsson, Solvi Vatnhamar (67' Kaj Bartalsstovu), Heinz Vatnsdal, Rene Joensen, Jakup Thomsen (74' Klaemint Olsen).

**Referee:** Vitali Meshkov (Russja)
**Assistenti Referees:** Anton Averianov, Dmitri Mosyakin (Russja)
**Assistant Referees Addizzjonali:** Sergei Lapochkin, Mikhail Vilkov (Russja)
**Ir-Raba' Uffiċjal:** Maksim Gavrilin (Russja)




Claudio Ranieri

## Il-Kampjonati Ewropej – Real u Bayern jirkupraw

Meta ninsabu resqin lejn l-ewwel terz tal-Kampjonati Ewropej Real Madrid u Bayern Munich jidhru li qed jirkupraw il-bidu ħażin li kellhom fil-Kampjonati tagħhom. Real Madrid, wara serje ta' riżultati negattivi keċċew lill-kowċ Julen Lopetegui u ħatru minflok il-kowċ tat-tieni tim Santiago Solari. Bit-tama li jsibu kowċ ta' malajr biex jissostitwixxu lil Lopetegui, huma ħatru lil Solari iżda wara li kemm Conte u anki Roberto Martinez ma waslux għal ftehim. Huma ħatru fuq bażi permanenti lil Solari sa tmiem l-istaġun 2020-21. Real Madrid wara 12-il logħba jinsabu fis-sitt post, erba' punti taħt il-leaders Barcelona.

Fil-Bundesliga, Bayern Munich jinsabu fis-7 post b'20 punti, seba' punti wara l-leaders Borussia Dortmund li fl-aħħar ħarġa rebħu l-logħba kbira kontra l-Borussia. Fi Franza, Paris St Germain għandhom punti massimi minn 13-il logħba u qed igawdu vantaġġ komdu ta' 13-il punt fuq Lille. Is-sorpiża f'dan il-kampjonat mhux li Paris SG għadhom ma tilfux iżda lejn qiegħ il-klassifika hemm it-tim ta' Monaco li f'dawn l-aħħar snin kien forza fil-kampjonat Franċiż u fiċ-Champions League. Riċentement bidlu l-kowċ u l-għażla waqgħet fuq Thierry Henry li jaf l-ewwel snin tal-karriera tiegħu lil dan l-istess klabb. Monaco bħalissa jinsabu qabel tal-aħħar fil-klassifika b'7 punti. Fis-Serie A fl-Italja, Juventus wkoll qed jiddominaw u għandhom 34 punt minn 12 -il logħba u qed igawdu vantaġġ ta' sitt punti fuq Napoli li qed isegwuwhom Inter li għandhom 25 punt u Lazio bi 22. Milan u Roma jinsabu fil-5 u s-6 post b'21 u 19-il punt rispettivament.

## Fil-Premier se tiddaħħal il-VAR

Fil-Premier League mill-istaġun 2019-20 se tiddaħħal il-VAR. Il-klabbs ħadu din id-deċizjoni fl-aħħar laqgħa tagħhom biex dak li hu meqjus l-aqwa kampjonat fid-dinja jkun aktar ġust fid-deċiżjonijiet li jittieħdu mir-referees. Il-kampjonat qed jiżvolġi f'wieħed mill-aktar interessanti u xejn inqas minn ħames timijiet qed jissieltu biex jirbħu l-kampjonat u bejn Man City u Arsenal hemm differenza ta' tmien punti wara 12 -il logħba – Man City 32 punti, Liverpool 30, Chelsea 28, Tottenham 27 u Arsenal 24. Manchester United baqgħu distakkati għandhom 20 punt daqs Bournemouth u Watford u qed jokkupaw it-tmien post. Fil-Kampjonat Ingliż se jerġa' jirritorna Claudio Ranieri wara li kien għen lil Leicester jirbħu l-ewwel Premiership tagħhom fl-2016. Ranieri se jmexxi lil Fulham li qed jokkupaw l-aħħar post b'5 punti biss. Mill-1992 kienu biss tnejn it-timijiet li rebħu inqas punti minn Fulham wara 12-il logħba. Ranieri ħa post il-kowċ Slavisa Jokanovic li kien il-bniedem li għenhom jirbħu l-promozzjoni fl-istaġun l-ieħor. Ironikament Jokanovic meta kien player kien l-ewwel akkwist li għamel Ranieri meta kien manager ta' Chelsea.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPOT THE BALL

u irbaħ **Flokk ta' Manchester United**




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 139

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 139 huwa:
**V. Zammit - Swieqi**




# TISLIBA



## MIMDUDIN

1) Player Żvediż li miet m'ilux fl-eta ta' 32 sena (7,7)
9) "...SP Stadion", homeground ta' SJK Seinäjoki fil-Finlandja (3)
10) Il-laqam tradizzjonali ta' Valletta FC (11)
13) u 15) Anel, ex midfielder u captain tal-Maċedonja (6)
14) u 28) Anna, goalkeeper tat-tim tan-Nisa ta' New Zealand (4)
15) Ara 13 Mimdudin
16) Reza, attakkant tal-Iran bi 30 partita u 8 goals (7)
19) Giovani .. Celso, midfielder ta' Paris SG misluf lil Betis (2)
20) Richard, full-back ta' Man Utd b'2 partiti 2007-2009 (9)
25) Marius, difensur b'65 partita u 4 goals għal Franza (6)
27) Moataz, partita waħda għall-Egittu fl-2006 (3)
28) Ara 14 Mimdudin
29) Brian, ex attakkant ta' Leeds, Benfica, Leicester u West Ham (5)
30) Jaime, midfielder tal-Messiku fil-Fifa WC 1998 (8)
31) Dinamo, club famuż minn Georgia imwaqqaf fl-1925 (7)
32) Herrera, midfielder Spanjol ta' Man Utd (5)
35) Ján, right-back rebbieħ tal-Euro 1976 maċ-Ċekoslovakkja (8)
37) Carabott, 122 partita u 15 il-goal għal Malta (5)
39) Vinit, centre-back attwali tal-Indja (3)
40) Vilanova, ex coach ta' Barcelona (4)
41) Rapid, club Awstrijak imwaqqaf fl-1899 (6)

## WEQFIN

1) Il-club Norveġiż ta' Michael Mifsud 2004-2007 (10)
2) Diniyar, midfielder tar-Russja 2005-2012 (13)
3) Demetrio, attakkant tal-Peru fil-Fifa WC 1930 (5)
4) Jonathan, center-back ta' Bayer Leverkusen u l-Ġermanja (3)
5) Charles, attakkant Żvizzeru b'56 partita u 22 goal (7)
6) Maxime, rebbieħ tal-Euro 1984 ma' Franza (6)
7) u 38) Davala, ex right-back ta' Werder Bremen u t-Turkija (4)
8) Mauro, ex attakkant Arġentin ta' Fiorentina u West Ham (6)
11) Danny Drink....., midfielder ta' Chelsea u l-Ingilterra (5)
12) u 18) Saša, goalkeeper tal-Meċedonja b'5 partiti 1997-2005 (4)
17) Somporn, goalkeeper internazzjonali tat-Tajlandja (3)
18) Ara 12 Weqfin
21) Temuri, ex midfielder u coach ta' Georgia (8)
22) José, attakkanat b'partita waħda ma' Spanja (7)
23) Olavi, coach tal-Finlandja 1962-1974 (9)
24) Bissouma, midfielder ta' Brighton u l-Mali (4)
26) Nicolás, centre-back ta' Man City u l-Arġentina (8)
28) After Extra Time (1,1,1)
33) United, club tal-Professional League fin-Niġerja (4)
34) Hütter, coach attwali ta' Eintracht Frankfurt (3)
35) Qabel kienet Serie C1, illum "Lega-..." (3)
36) Anderson, ex difensur ta' Arsenal u Man Utd (3)
38) Ara 7 Weqfin

## Soluzzjoni Ħarġa nru 139

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | L | A | S | Z | C | Z | Y | K | O | W | S | K | I |
| A | | L | | A | | I | | A | | U | | O | |
| L | O | T | T | U | S | V | E | R | S | F | E | L | D |
| D | | R | | B | | K | | I | | E | | L | |
| A | B | E | L | E | D | O | | U | R | I | B | E | |
| C | | D | | R | I | V | A | S | | | A | R | A |
| C | E | S | C | | A | I | D | | B | | L | | S |
| H | | S | | E | S | C | O | B | A | R | | B | A |
| I | R | O | N | S | | | L | | R | | A | | |
| N | | N | | T | R | I | F | U | N | O | V | I | C |
| O | R | | U | E | | M | | | S | | R | | A |
| | | C | | B | O | R | K | E | L | M | A | N | S |
| V | E | L | L | A | | I | | | E | | A | | O |
| E | | I | | N | J | E | I | | Y | O | M | E | |

Created by Joseph Pisani · Papillon Services · Malta · Tel: 356 7996 8395 · E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 139: **S. Caruana - Rabat**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru 2018:
**Sportiv Magazine**
**Kompetizzjoni Tisliba,**
**c/o A41, Marsa**
**Industrial Estate,**
**Marsa MRS3000.**


adidas
asics
Babolat
diadora
HIGH POWER
LEONE
SINCE 1947
macron
TEAMSPORT
Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara
Reebok
speedo
molten
Sixtus
MCDAVID
UNDER ARMOUR
TYR


BECOME A
REFEREE
REFEREEING
IS...FUN
referees@mfa.com.mt
RECRUITMENT
NOW OPEN!
Contact referees@mfa.com.mt
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
1900

Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA